NATIONAL COUNCIL FOR THE ELDERLY
Patronage - H.E. The President of the Republic of Malta
Members of AGE Platform Europe

NEWSPAPER POST

# L-Anzjani Llum

Leħen il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani

**Nru. 118** **April - Ġunju 2025**




F'din l-edizzjoni...



**4**
**Indirizz mill-President tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani**
*Is-Sur Peter Paul Bonnici*

# Ix-Xogħol tas-Segretarjat Parlamentari għall-Anzjanità Attiva Futur aktar sostenibbli għall-anzjani

***Tagħrtif mogħti mis-Segretarjat Parlamentari għall-Anzjanità Attiva***

Is-sena 2024 kienet waħda ta' ħidma intensa biex tkompli titjieb il-kwalità tal-ħajja tal-anzjani f'pajjiżna permezz ta' diversi nizjattivi u nvestimenti ġodda. Mill-bidu nett ta' din il-leġislatura, is-Segretarju Parlamentari għall-Anzjanità Attiva, Malcolm Paul Agius Galea, mexxa b'viżjoni ċara u b'determinazzjoni biex isaħħaħ is-servizzi offruti lill-anzjani, kemm fil-livell ta' kura kif ukoll f'opportunitajiet biex l-anzjani jkomplu jgħixu ħajja attiva u ndipendenti.



Is-sena 2025 fetħet b'baġit rekord fis-settur tal-anzjanità li jippermetti li jibdew jiġu mplimentati miżuri li jolqtu direttament lill-anzjani u lill-familjari tagħhom. Minn Jannar 2025, diġà seħħew żewġ tibdiliet sinifikanti: jiġifieri, żieda ta' €500 fl-iskema Carer at Home (li, issa, tlaħħaq it-€8,500 fis-sena għal kull benefiċjarju) kif ukoll estensjoni tas-servizz CommCare (li, issa, jkopri wkoll siegħat aktar tard filgħaxija) ħalli aktar anzjani jkunu jistgħu jirċievu kura medika fil-komunità tagħhom.

Fl-istess waqt, għaddejjin diversi proġetti nfrastrutturali li ser joffru ambjent aktar komdu u sigur lill-anzjani. Ix-xogħlijiet fuq id-Djar tal-Anzjani tal-Mosta u tal-Imtarfa għaddejjin ġmielhom filwaqt li, f'San Vinċenz de Paul, qed jingħalaq proġett ta' ristrutturar estensiv fuq St Francis Wards 1 & 2. Dawn it-tliet proġetti jirrappreżentaw investiment ta' aktar minn €5 miljun u ser iwasslu għal faċilitajiet iktar moderni, siguri u komdi għall-anzjani li jirċievu kura f'dawn ir-residenzi.

Barra minn hekk, f'San Vinċenz de Paul ġie inawgurat 'Razzett l-Hena', proġett innovattiv ta' Razzett Terapewtiku, b'investiment ta' €700,000 li joffri esperjenza rilassanti u terapewtika lill-anzjani u lill-familjari tagħhom. Dan l-ambjent uniku jippermetti li l-anzjani jgawdu n-natura f'post sigur u adattat għall-ħtiġijiet tagħhom filwaqt li jkompli jsaħħaħ il-kwalità tal-kura li tingħata f'din ir-residenza.

Anzjanità attiva, indipendenti u fil-komunità, tibqa' l-prijorità ewlenija tagħna. F'dan l-isfond, ġie inawgurat Ċentru tal-Anzjanità Attiva ġdid f'Ħal Tarxien li jingħaqad ma' erbgħa u tletin lokalità oħra li diġà joffru dan is-servizz. Il-fatt li aktar minn elfejn u ħames mitt anzjan u anzjana jattendu dawn iċ-ċentri b'mod regolari huwa prova ċara ta' kemm qed isir investiment biex l-anzjani jibqgħu parti ntegrali mill-komunità tagħhom.

L-impenn tas-Segretarjat li jkompli jsaħħaħ dan is-settur jibqa' ċar. Fl-2025, il-ħidma tagħna tkompli b'aktar investimenti fi proġetti li jtejbu s-servizzi, l-infrastruttura u l-kwalità tal-ħajja tal-anzjani biex, kull min, f'pajjiżna, ikollu bżonn l-appoġġ, isib l-għajnuna u l-opportunitajiet kollha meħtieġa ħalli jkun jista' jibbenefika mis-servizzi offruti f'ambjent ta' dinjità, indipendenza u sigurtà.



**'L-ANZJANI LLUM' huwa leħen il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani li joħroġ bla ħlas kull tliet xhur biex iżomm lill-Anzjani kollha infurmati b'dak li qed jiġri dwarhom u għalihom, u biex jaqsam magħhom il-veduti, ideat u suġġerimenti tagħhom.**

**IL-BORD EDITORJLI**

**Editur:**
Vincent Piccinino

**Membri:**
Josiah Grech, Mary Mangion u Marica Attard Cassar

**Proof Reader:**
Sonya Micallef

**Typing u Distribuzzjoni:**
Marica Attard Cassar

**IL-KUNSILL**

**President:**
Peter Paul Bonnici

**Viċi President:**
Lino Debono

**Segretarju:**
Raymond Cardona

**Ass. Segretarju:**
Emanuel Grima

**Teżorier:**
Godwin C. Micallef

**Ass. Teżorier:**
Saviour Attard

**Segretarju Internazzjonali:**
Anthony De Giovanni

**Uffiċċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi:**
Mary Mangion

**Ass. U.R.P.:**
Alfred Mallia

**Membri:**
Saviour Attard
Louise Azzopardi
Emanuel Deguara
Paul Muscat

**Membri Co-Opted:**
Pawlu Caruana
Mary Farrugia

**ĦINIJIET TAL-UFFIĊĊJU GĦALL-PUBBLIKU**
Ċemplu għall-appuntament
mit-Tnejn sal-Ġimgħa
09:00 - 12:00

**INDIRIZZ POSTALI**
**' L-Anzjani Llum'**
**Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani**
**Triq Dom Mawru Inguanez,**
**Birkirkara - BKR 4811**
**Tel: 21 243860**
**E-mail: maltakna@gmail.com**
**www.kna.org.mt**
**Issettjat u Stampat: Bonnici's Press**
**36, Triq San Pawl, Valletta**

# EDITORJAL



## Ħbieb Anzjani, Insellmilkom

**Jikteb Vincent Piccinino - Editur**

Ħbieb anzjani, insellmilkom. Ħafna jgħiduli: "L-ewwel ma naqra l-editorjal!" u, għalija, dan huwa ta' sodisfazzjon. Tiskanta kif itiru tliet xhur u nerġa' nsib ruħi f'sitwazzjoni li rrid nikteb editorjal ieħor li jkun oriġinali, interessanti, informattiv, li minnu titgħallem xi ħaġa u li, fl-istess ħin, ikun xi ftit umoristiku wkoll. Nassigurakom li mhux faċli. Tgħidx kemm inħabbel rasi u ngħaddi ljieli ma nistax norqod biex noħroġ b'xi ħaġa li togħġobkom. Imbagħad, jiġi sieħbi, iċ-Charlie, u erħilu jmaqdar u jikkritika. Li ma konniex ħbieb antiki kbar, żgur li jqabbiżhieli. Darba, għedtlu: "Għax ma tiktibx xi ħaġ' int, u tiffrankali wieħed?" M'hemmx għalfejn ngħidu; mingħand iċ-Charlie, ma smajt xejn, għax dak *armchair critic; parole si, fatti no*. Kienet Carmen Dimech, kontributur regolari ta' dan il-magażin, li laqgħet l-isfida tiegħi u kitbet dan li ġej. Ara hawnx xi ħadd li jitħajjar jikteb xi ħaġa ħalli jien navvelih ma' Malta u Għawdex kollha. Basta lili jħallini norqod imqar lejl sħiħ. Is-saħħa u s-sliem.
L-Editur

**Intom x'taħsbu?**

Spiss inkun qed nara t-*television* u ninzerta *vox pop* li, fih, jistaqsu lin-nies, pereżempju, "X'jippreokkupahom l-iktar f'Malta?" u t-tweġiba tkun: "Hawn wisq karozzi!" Ngħiduha kif inhi, ma nistgħux ngħidu li, matul iż-żmien, l-awtoritajiet Maltin ma kinux konxji ta' din il-problema jew li m'għamlux kemm felħu biex inaqqsu l-effetti negattivi tagħha. X'm'għamlux? Toroq ġodda iktar wesgħin u moderni; *by-passes* biex, kemm jista' jkun, innaqqsu l-konġestjoni minn postijiet urbani; ideat għal *pooling* ta' trasport; faċilitajiet ta' *park & ride; flyovers; central links;* katamaran; *fast-ferry*; trasport b'xejn għal kulħadd, kemm bl-art kif ukoll bil-baħar, bl-iskop li ninkoraġġixxu iktar l-użu tat-trasport pubbliku u nnaqqsu l-karozzi privati mit-toroq? Imma, minkejja dan, xorta bqajna b'ħafna karozzi, b'wisq *bottle-necks* u b'iktar *traffic jams* milli nixtiequ. Nerġgħu ngħiduha kif inhi; iċ-ċokon ta' Malta hu dak li hu u ma nistgħux nibdluh. Anki kieku kellna nirriklamaw xi ftit art mill-baħar madwar il-kosta, xorta ma nsolvux il-problema tal-ispazju ristrett ta' gżiritna. Din pariġġ tal-bini; jekk nibnu b'mod orizzontali, l-ambjentalisti jgħidu li qed inkomplu nnaqqsu mill-art ħadra; jekk ngħollu 'l fuq, jagħmlu protesta kontra l-*high-rise buildings* u, jekk napplikaw biex inwaqqgħu post qadim ħa ntellgħu appartamenti moderni, li jesgħu iktar familji, jgħidulna le, għax il-bini skedat. Jiġifieri, l-unika alternattiva li jibqa' hija li nibnu l-kastelli fl-arja!

Faċli tgerger u tipprotesta imma ħadd ma joħroġ b'soluzzjoni. Ħadd ma jażżarda jgħid li għandna nwaqqfu l-importazzjoni ta' karozzi minn barra, għax mur ara kif iduru għalih l-importaturi u l-bejjiegħa tal-karozzi. U ħadd m'għandu l-kuraġġ jgħid nieqfu nagħtu liċenzji tas-sewqan ġodda għax mur ara kif jaqbżu fuqu ż-żgħażagħ li waslu għall-età ta' tmintax li, bir-raġun, jgħidulu: "Issa? Għax wasalt jien!"

Fl-opinjoni tiegħi, is-soluzzjoni hija li l-bniedem ikompli jaħdem fuq l-invenzjoni ta' karozza li ttir. Hemm fuq, hemm ħafna iktar spazju minn hawn isfel. Aħjar, inqas ċans ta' inċidenti wkoll. Però, din il-karozza ma tridx tkun fuq il-mudell ta' ajruplan imma fuq dak ta' *helicopter*, jiġifieri, li ma jkollhiex bżonn *runway* biex ittir imma tkun kapaċi tagħmel *vertical take-off* u *landing*. Nistgħu nsejħulha *helicar* u tkun tista' tinżel u tipparkja fuq il-bejt ta' fejn toqgħod, jew ta' fejn tkun sejjer. Kieku xi inġinier żgħażugħ Malti jirnexxilu jagħmel xi *breakthrough* f'dan il-qasam, ikun aħjar milli nsibu ż-żejt. Imma, jekk xi ħadd jitħajjar jidħol għal din il-biċċa xogħol, mhux idum xi għaxar snin jistudja ta, għax il-ħajja mgħaġġla u n-nies xebgħat li, biex tmur għax-xogħol fit-tmienja u nofs ta' filgħodu, trid taħseb mis-settimatinati.
Carmen Dimech





# INDIRIZZ
# MIS-SUR PETER PAUL BONNICI
# President tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani

***Waqt l-Assemblea Ġenerali Annwali tal-Kunsill***
***li saret fl-14 ta' Marzu 2025***

Nagħti l-għodwa t-tajba lil preżenti u nilqa' fostna s-Segretarju Parlamentari għal Anzjanitá Attiva, Dr Malcolm-Paul Agius Galea, ix-Shadow Minister għal Anzjanitá Attiva Dr Paula Mifsud Bonnici u intom lkoll li onorajtuna bil-preżenza tagħkom. Dejjem ngħożżu s-suġġerimenti tagħkom l-aktar fejn jidħol l-*AGEISM*, jew kif inhi magħrufa bil-Malti, AĠEIŻMU, li bi sforz kbir qed tiġi inkluża fil-lessiku, u ta' dan nagħtu rikonoxximent lid-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta

*X'inhi l-AĠEIŻMU?*
Hi forma ta' diskriminazzjoni minħabba età. Din tieħu diversi forom u meta terfa' rasha, u nagħmlu minn kollox biex il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani jkun preżenti ħa jiġbed l-attenzjoni tal-awtorità sabiex issir ġustizzja mal-Anzjan.
Hekk kien ġara fil-każ tal-pensjonanti, magħrufa bħala tas-62+, fejn anomaliji ġew miġbuda l-attenzjoni dwarhom lil Awtorità waqt *Seminar* li kien sar f'Sala partikolari. Dettalji tal-anomaliji ġew spjegati u rikonoxxuti bħala validi. Azzjoni ittieħdet immedjatament u ġie mwiegħed li aġġustamenti kellhom jidħlu fis-seħħ, u inklużi flis *Speech* tal-Baġit f'Ottubru 2023. Kif fil-fatt ġara.
Dan kollhu kien possibbli bl-appoġġ li l-KNA jgawdi mill membri tagħna u l-organizzazzjonijiet affiljati, li kienu ta' sostenn validu b'appoġġ kontinwu.
Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani jew KNA dejjem saħaq u ppromwova l-anzjanità attiva b'kull mezz ta' komunikazzjoni possibli fejn, il-bażi tibqa' dejjem, iffokata fuq

- **Is-saħħa fiżika u dik mentali**
- **It-tagħlim għal tul il-ħajja**
- **Il-parteċipazzjoni f'attivitajiet fil-komunità**
- **U sigurtà fl-ambjent li tgħix fih**

Hawnhekk wieħed ma jridx iħalli barra il-possibiltà li l-Anzjan, jissokkta b'ħidma fid-dinja tax-xogħol, dejjem fejn saħħtu jew saħħitha tippermetti. Sforzi żejda fis-saħħa jwasslu, bla dubju għal problemi, li ħadd ma jrid, speċjalment l-anzjan. Dejjem bis-salvagwardji fejn id-drittijiet u d-doveri għandhom jitħarsu.

**Is-saħħa fiżika u dik mentali**
Illum kulħadd konxju mis-saħħa tiegħu/tagħha u jittieħdu dawk il-miżuri biex l-ikel ikun imsejjes fuq dieta Mediterranja bbażata fuq ħaxix, frott lokali u ħut. M'hemmx għalfejn ngħidu l-ħtieġa li niċċekkjaw saħħitna mill-lat mediku u nieħdu pariri utli, għat-tisħiħ tal benesseri tagħna ħa ntawlu ħajjitna kif mixtieq.
Il-KNA ta l-kontribut tiegħu fit-tfassil tal-iStrateġija Nazzjonali fuq id-Dimenzja, li trid tiġi implementata fuq medda ta' sitt snin.

**It-tagħlim għal tul il-ħajja**
Il-KNA dejjem jimbotta lil membri tagħha biex bħalma l-ġisem għandu bżonn il-kaloriji, tant ieħor il-moħħ, li taqblu miegħi żgur, jeħtieġ dawk l-istimoli mentali li joffri t-tagħlim tul il-ħajja (jew aħjar magħruf bħala *lifelong learning*).

**Il-parteċipazzjoni f'attivitajiet fil-komunità**
Dawn saru popolari f'kull belt u raħal f'Malta kif ukoll Għawdex. U din il-forma ta' anzjanità attiva, tgħin fid-dinjità u l-benesseri tal-persuna.

**U sigurtà fl-ambjent li tgħix fih**
Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani, dejjem jisħaq mal-anzjani tagħna, biex jkunu viġilanti għal xi muviment suspettuż fil-lokalità tagħhom li jqanqal suspetti ta' xi attività illegali. Il-KNA jħeġġeġ l-anzjani, li wara ċertu ħin, ma jibqgħux barra waħedhom. U jekk ikun meħtieġ dan il-ħruġ, ikunu ta' żewġ persuni jew aktar.
Hawnhekk nixtieq nagħmel referenza għan-*Neighbourhood Watch* li jeħtieġ tkun estiża kull fejn hemm bżonn.
M'għandix dubju, tiftakru fil-Plenarja ġol-Parlament fl- 2022 fil-ġimgħa ddedikata lil ANZJAN fejn matulha, il-KNA ngħata rikonoxximent minn *Mr Speaker* li fuq bażi Nazzjonali l-KNA kellu jingħata rappreżentanza tal-**ANZJAN** fl-MCESD fejn, kif tafu, jiġu diskussi temi li japplikaw għal kull qasam tal-isferi varji tal-ekonomija. Nisperaw li fil-futur qarib, l-ANZJAN

jieħu postu u jipparteċipa għad-deċiżjonijiet li jolqtuh.

**L-*AGE Platform* fi Brussell**

Bħalissa l-KNA għandha Viċi *Chairperson* bil-*Membership* fl-*AGE Platform* fi Brussell, u b'hekk, għandu kuntatt kontinwu, li kapaċi jinfluwenza ċertu deċiżjonijiet li jolqtu lil Anzjani Maltin u Għawdxin.

**Kummissarju għal Anzjani**

Wieħed ma jridx iħalli barra il-Kummissarju għal Anzjani li miegħu il-KNA, b'rappreżentanza mal-Kummissjoni, ikollu djalogu kostruttiv, b'azzjonijiet li jittieħdu, biex problemi jiġu indirizzati, bħas-servizz li jingħata mill-Banek.
Imwaqqfa fl-1992, għal 33 sena, Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani jew KNA, dejjem iddisimina informazzjoni u prattiċi lit-22 Għaqda affiljata miegħu sabiex, suġġerimenti u servizzi jaslu. Ma rridx inħalli barra is-*social media* li f'dawn iż-żminijiet, hi kruċjali, li twassal informazzjoni f'ħin reali.
Wieħed ifakkar lil dawk l-anzjani li mhumiex *IT literate*, il-Kunsill ħaseb ukoll biex jibagħtilhom ir-Rivista uffiċjali bl-isem ta' **L-Anzjani Llum** li jitqassam ukoll fil-Kunsilli Lokali kollha ta' Malta kif ukoll f'Għawdex, fid-Djar tal-Anzjani kemm dawk tal-Gvern, tal-Knisja kif ukoll privati, u anzjani oħra li jgħixu fir-residenza tagħhom.

**Oġġettivi għal matul 2025**

Il-Kunsill qed jaħdem qatiegħ biex iwettaq punti li għal operat tal-Kunsill, huma ta' natura fundamentali għas-salvagwardja tal ANZJAN.

- L-ewwel wieħed hu l-inklużjoni tal Anzjan, taħt Kapitlu II tal-Kostituzzjoni ta' Malta, fejn tiġi ggarantita id-dinjità tal-Anzjan, 'il bogħod minn kull DISKRIMINAZZJONI TAL-PRINĊIPJI
- It-tieni punt, hu s-sehem effettiv tal-KNA, fl-MCESD, fejn, kif tafu, jiġu dibattuti temi li jolqtu direttament is-*Social Partners* u l-Ministeri kollha li, b'xi mod jew ieħor, jolqtu l-interessi tal-ANZJAN.
- Taħdidiet qed jitwettqu mall-Ministeru tal-Politika Soċjali ħalli kull xahar, isir aġġornament dwar xi aġġustamenti fil-pensjonijiet li jidħlu fis-seħħ minn żmien għall ieħor. Dan qed isir biex jitjieb is-Servizz lill-Pensjonant mill-kumdità ta' Daru.

**Għeluq**

Wieħed irid jifhem li l-pensjonanti, jiddependu fil-maġġoranza tagħhom, mill-pensjoni li tul is-snin saru avvanzi. Biss dan il-proċess, li hu flessibli u reżiljenti ħafna, irid jiġi aġġustat sabiex jirrifletti l-għixien adekwat għal pensjonant, ħa jippermettilu dħul deċenti u dinjituż. Irridu nirrealizzaw li l-pensjonant hu dak li ħabrek biex sawwar Malta aħjar milli sabha.

**Dan hu l-wirt li ħallejna lil ġenerazzjonijiet ta' warajna.**
Peter Paul Bonnici
President KNA
Marzu 2025

# Appell

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani jippubblika din ir-rivista, *L-Anzjani Llum,* kull tliet xhur. Din ir-rivista mill-anzjani għall-anzjani u li għandha ċirkolazzjoni ta' 2,500, titqassam ukoll lis-Segretarjat għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà u Anzjanità Attiva, il-Kunsilli Lokali kollha, Għaqdiet Affiljati mal-Kunsill, id-Djar tal-Anzjani kollha (tal-Gvern, tal-Privat u tal-Knisja) kif ukoll għadd ta' anzjani abbonati.
Permezz ta' din ir-rivista li hija ta' interess u ta' tagħrif siewi għall-anzjani, aħna ninkoraġġixxu lill-anzjani kollha biex ikunu dejjem aktar attivi, kemm fiżikament kif ukoll mentalment.
Għaldaqstant, napprezzaw ħafna jekk tagħtuna donazzjoni biex inġibulkom messaġġ promozzjonali f'din ir-rivista ħalli l-iskop fejjiedi tal-Kunsill ikun jista' jkompli jintlaħaq.
Għall aktar tagħrif fuq il-Kunsill wieħed jista' jidħol fil-*website* - www.kna.org.mt, fejn issibu aktar rivisti li ħarġu fil-passat u informazzjonijiet utili għalikom.
Grazzi bil-quddiem
**Nirringrazzjaw lil dawn is-Sinjuri li semgħu l-appell tagħna u għoġobhom jagħmlu donazzjoni lill-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani biex jgħinuna nkopru ftit l-ispejjeż u biex inkomplu mexjin 'il quddiem fuq dan il-proġett fejjiedi għall-anzjani tagħna:**
Is-Sinjura Mary Anne De Marco, Birgu - €12.00
Is-Sinjura Lily Dimech, il-Belt Valletta **-** €10.00

**L-Editur**



# Ftit Kalkoli Oħra dwar ir-Reviżjoni tal-Pensjoni ta' min għandu Pensjoni tas-Servizz

*Minn ta' Emanuel Deguara*

Għeżież qarrejja ta' din ir-rivista tagħna l-anzjani u pensjonanti, għal grazzja tal-Ħanin Alla qegħdin nerġħu niltaqgħu.

Fil-ħarġa tar-revista numru 116 ta' Ottubru-Diċembru 2024, bit-titlu: 'Kif L-Emenda 2024 ta' dawk li twieldu qabel 1962 tolqot lil Pensjonanti li għandhom ukoll pensjoni tas-Servizz', konna tkellimna dwar kif tinħadem ir-reviżjoni ta' kull sena tal-pensjoni ta' dawk li apparti li għandhom il-pensjoni tas-sigurtà soċjali, għandhom ukoll pensjoni oħra tas-servizz. Mir-rispons li kellna, jidher li s-suġġett qajjem interess sostanzjali u kien hemm min staqsa għal iżjed dettalji. Għalhekk iddeċidejt li nelabora ftit ieħor fuq dan is-suġġett u fl-istess ħin inkun qed nikkwota r-rati ġodda tas-sena ġdida li diġa bdejna, 2025. Ta' min li dan l-artiklu tal-lum jinqara ma' dak l-artiklu preċedenti li semmejt fuq. Mela nibdew bit-Tabella 'A'

Tabella bir-rati Tal-Pensjoni tal-Irtitar tas-sena 2025

| '*Average* tal-Kontribuzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali (total tal-ammont tal-bolol u krediti diviżi bin-numru ta' snin)* | Miżżewġin | Persuna Weħidha |
|---|---|---|
| | RP (€) | RP (€) |
| 50-52 | 158,23 | 141,11 |
| 40-49 | 152,54 | 137,31 |
| 30-39 | 142,17 | 130,37 |
| 20-29 | 131,83 | 123,45 |

Is-snin jingħaddu: Mill eta' ta' 19 jew 18-il sena sas-sena sħiħa qabel l-età tal-pensjoni. Sat-3 ta' April 1958: jingħaddu minn 19-il sena u mill-4 ta' April 1958 'il quddiem jingħaddu minn 18-il-sena.

Issa ser nippreżenta l-kalkolu tar-reviżjoni skont kif spjegat fil-ħarġa numru 116, b'mod figurittiv, fil-forma ta' tabella, għax nassumi li tkun iżjed faċli biex tiftiehem.

L-ewwel naraw kemm huwa l-ammont tal-pensjoni tas-servizz li ser tiġi kkunsidrata fil-kalkolu tar-reviżjoni għas-sena 2025.

| | Eżempji | Eż A Xi ħadd ta' iżjed minn 72 sena | Eż B Xi ħadd li ma għalaqx it-72 sena | Eż Ċ Xi ħadd ta' iżjed minn 72 sena u pensjoni tas-servizz medja |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Pensjoni oriġinali tas-servizz (€) | 16310,27 | 16310,27 | 10000 |
| 2 | Pensjoni tas-servizz ikkommutata. Dan l-ammont ma jiġix ikkunsidrat għal kalkolu, biss, għal min ikun għalaq it-72 sena, jew wara 12-il sena mindu jkun irċieva l-pensjoni tas-servizz għall-ewwel darba. (€) | 4077,57 | | 2500 |
| 3 | Ammont ta' pensjoni tas-servizz li ma tiġix ikkunsidrata fil-kalkolu għas-sena 2025, ('*Waiver*'). Tapplika għal kulħadd. (€) | 3666 | 3666 | 3666 |
| 4 | Riżultat: minn 1, tnaqqas 2 u 3. | 8566,7 | 12644,27 | 3834 |

It-tieni pass: nużaw ir-riżultat ta' fuq biex naħdmu ir-reviżjoni tal-pensjoni 2025.
Nieħdu eżempju ta' xi ħadd li s-salarju kurrenti jilħaq il-massimu tas-sena 2025 : €23500

| Salarju kurrenti (€) | 2/3 tas-salarju kurrenti | Innaqqsu r-riżultat tal-eżempju (A) fit-tabella fuq: €8566,7 | Innaqqsu r-riżultat tal-eżempju (B) fit-tabella fuq: €12644,27 | Innaqqsu r-riżultat tal-eżempju (Ċ) fit-tabella fuq: €3834 |
|---|---|---|---|---|
| €23500 (persuni ta' qabel 1962) | €15666,51 | €7099,81 Fil-ġimgħa: €136,53 | €3022,24 Fil-Ġimgħa: €58,12 | €11832,51 Fil-Ġimgħa: €227,55 |
| *Fl-eżempji qed nassumi li l-average tal-* | | €136,53 huwa inqas minn €158,23, jew €141,11 ta' tabella 'A' mela jieħu €158,23 jew 141,11 | €58,12 huwa inqas minn €158,23, jew €141,11 ta' tabella 'A' mela jieħu €158,23 jew €141,11 | €227,55 huwa iżjed minn €158,23, jew €141,11 ta' Tabella 'A', Mela jieħu €227,55 |

Nistgħu nġibu ħafna iżjed eżempji imma l-ispazju ma jippermettix. Imma wieħed jista' juża t-tabelli u flok l-ammonti tal-eżempji li ġibna jdaħħal il-figuri li jirrigwardjaw lilu u jkun ħadem il-kalkolu tiegħu/tagħha stess.

Wieħed jista' jinnota li jekk il-pensjoni tas-servizz tkun għolja jkun iżjed bogħod li jaqbeż il-figuri ta' tabella 'A', u l-pensjoni tas-sigurtá soċjali ma tiżdietx.

Fattur interessanti ieħor, huwa li jkun iżjed bogħod ukoll min is-sieħeb/sieħba tiegħu/tagħha jkollha pensjoni, jew għax il-persuna tkun weħidha, allura trid tiġi ikkunsidrata r-rati 'Single' li huma rati kemxejn inqas. Din ta' rati differenti ta' '*Single*' jew '*Married*', huwa maħsub li tiġi diskussa l-quddiem fil-KNA, biex issir talba li jkun hemm rati '*married*' biss għax fuq kollox il-pensjoni ġejja minn fejn ġejja hija tal-individwu li ħadem u ħallas il-bolla.

Nispera li dak li qrajtu kien ta' tagħlim u nteressanti. Min ikollu diffikultá u/jew ikun hemm bżonn ta' dettalji jkun jista' jikkuntattja lis-segretarja tal-KNA permezz tal-*email*. Nixtiqilkhom saħħa u paċi, u nispera li niltaqgħu ma ndumux.

Nota:

Nirreferi għal qarrej li kitbilna xi ftit taż-żmien ilu fejn semma li d-dipartiment tas-Sigurtá Soċjali mhux qiegħed jinforma lil-pensjonanti dwar kif ikun sar, jew il-għala sar tibdil fir-rata tal-pensjoni tiegħu.

Nassiguraw lil qarrej u lil pensjonanti kollha li dan il-fatt il-KNA ilha li nnutatu, u difatti kienu nbdew taħditiet mad-dipartiment biex naraw kif il-pensjonant jibda jkun infurmat. Saru diversi laqgħat u sar progress. Nittamaw li ma ndumux ma nibdew naraw il-frott. Li nista' ngħid huwa li sibna u qegħdin insibu koperazzjoni kbira mid-dipartiment u speċjalment minn dawk li huma involuti direttament biex dan l-eżerċizzju iseħħ.

# Il-passatemp

## *Poeżija ta' anzjan bħalna, Thomas Agius, ta' Maksar, minn Ħaż Żebbuġ, Malta*

Għandi għalqa bħala hobby,
mhijiex ħafna 'l bogħod mid-dar;
Sqaq il-Qenċ hi proprja qegħda
l-isem hu St Philip Farm.

Kamra, bir, bid-dawl fornuti;
jien, li ngħid, ikun emmnut.
Fniek, tiġieġ u xi ħamiema.
Hemm ukoll vaska bil-ħut.

Xi tliet papri wkoll issibli.
Għandi post tassew għardoss.
Imma din hi d-dinja tiegħi,
hemm, għal kwiet; ma tismax ħoss.

Lanqas jonqsu xi żewġ niċeċ.
Hemm Ġesù, ir-Re tal-ġonna
u, biex kollox ikun sewwa,
għandi oħra tal-Madonna.

Xejn ma ngħidlek, ħabib tiegħi,
jekk trid ftit serħan ir-ras,
ejja Sqaq il-Qenċ, sa ħdejja,
Ħaż Żebbuġ, wara tal-Ħlas.





# Inħallsu d-dejn tagħna

*Kitba ta' David Degabriele mill-Mosta*

Xi daqqiet, aħna l-kbar, nagħmlu agħar mit-tfal li, ħafna drabi, malajr jgħaddilhom u, wara ftit, terġa' tarahom jilagħbu qisu qatt ma ġara xejn. Imma, aħna l-kbar, kapaċi nkunu ferm differenti. Xi ħadd jgħaddi kumment żejjed, jew ma jagħtikx dak li tistenna bi dritt, jew, inkella, jagħmillek xi azzjoni ħażina u t-tempra malajr titla' fid-*danger zone*.

Ikun hemm min jipprova jikkalma s-sitwazzjoni. "Tagħtix kasu! Dak qed jiċċajta!" Ikun hemm ukoll min jitfa' l-ħatab fin-nar. "Kif tista' ma tagħtix kas? Allura ser tħallih ikanta vittorja?" Sitwazzjonijiet komuni li niltaqgħu magħhom ta' spiss u li, ġieli, nesperjenzawhom aħna stess.

X'tagħmel? Kif ser tirreaġixxi? Mhux kulħadd l-istess. Hemm min jiddeċiedi li ma jibnix muntanji u jaħfer u jinjora dak li ġara. Imma hemm ukoll dawk li jwebbsu qalbhom u jinħbew wara maskri li jostru dak li jkun nibet ġo fihom u jispiċċaw jibnu ħajt li jbegħedhom darba għal dejjem mill-persuna li tkun naqsithom.

F'dinja u f'soċjetà li jinsistu fuq id-drittijiet, x'aktarx issib li kważi ħadd mhu lest iċedi u, allura, il-ħajja ta' kuljum saret bħal mixja ġo *mine-field*. Il-ħin kollu trid toqgħod attent fejn ser tirfes. Li konna karozzi, konna nimtlew brix u daqqiet. U proprju għalhekk li huwa importanti li nkunu persuni li kapaċi nħennu, nagħdru u naħfru waqt li nissoktaw bil-ħajja tagħna ta' kuljum. Jekk is-serp ma naqtgħulux rasu u nġibu kull skuża biex nibqgħu ggranfati mal-weġgħa, l-effett negattiv jinfirex u jinfetta lill-qalbna u lill-moħħna li, ħafna drabi, jimtlew bir-rabja u bil-mibgħeda.

Kemm ikunilna ta' ġid kieku l-esperjenzi koroh u ta' wġiegħ neħilsu minnhom mingħajr dewmien! Meta nagħtuhom attenzjoni żejda, infissduhom u nżoqquhom, nispiċċaw inwelldu mostri f'moħħna u f'qalbna li javvelenaw lil ħajjitna u din timtela b'irkejjen ta' aċtu u moffa li, ftit ftit, jinfettaw dak li jmissu huwa sabiħ.

Il-maġġoranza kbira tagħna qatt ma konna msakkrin ġewwa ħabs, wara bibien tal-ħadid. Biss, xi daqqiet, uħud jispiċċaw priġunieri f'ċelel mingħajr ħitan, wara bibien inviżibbli imma reali. Jekk nibqgħu ggranfati mal-esperjenzi li weġġgħuna; inġustizzji, inganni, tradimenti, huma x'inhuma, u ma nagħmlu ebda sforz biex ninħelsu u nfiequ minnhom, nispiċċaw priġunieri ta' dawk l-istess esperjenzi. Kull darba li tiftakar, tispiċċa thewden u taħseb kif ser tpatti, il-qalb tixraf waqt li l-istonku jimtela bil-qrusa li tispiċċa tinfirex fl-għadam u fil-ġogi. Bħal meta ddaħħal xewka u qed taraha b'għajnejk u tista', jekk trid, teħles minnha imma ma tagħmel xejn biex tneħħiha.

Tiltaqa' ma' nies mimlijin mibgħeda kawża ta' ġrajjiet li esperjenzaw snin qabel bħal, pereżempju, kawża ta' xi wirt li ma tahomx dak li stennew u ppretendew. Jispiċċaw imdejqin u rrabbjati u jeħel ma' rashom kulħadd. Mingħalihom li għad jirnexxielhom jivvendikaw irwieħhom. Ma jirrealizzawx li jkunu daħħlu lilhom infushom f'gaġġa kerha iktar minn ħabs, mingħajr ebda tama ta' ħelsien. Aħna l-anzjani suppost inġorru l-ġieħ li ż-żmien u l-esperjenzi rregalawlna. Ħażin jekk nibqgħu bħat-tfal, nieħdu għalina minħabba kull nitfa, għax inkunu aħna stess li noħonqu l-paċi ta' ġo fina.

Meta niddeċiedu li niskużaw u naħfru lil dawk li jonqsuna, inkunu qed nagħmlu pjaċir lilna nfusna. Inkunu għażilna li ma nkunux il-bojja tagħna stess billi nixorbu l-velenu li nixtiequ nisqu lil minn naqasna. L-għażla li taħfer turi li int persuna ta' karattru u ta' kuraġġ. Kontra dak li taħseb id-dinja, meta taħfer ma tkunx dgħajjef u tellief għax ċedejt, imma b'saħħtek u rebbieħ għax għaraft liema hi l-aħjar għażla. Iva, tkun bħal dawk l-irġiel u nisa ta' stoffa li ma jwebbsux rashom imma jagħżlu li jinżlu minn fuq il-pedestall perikoluż tal-kburija u s-suppervja. Biex inħottu l-pontijiet ma rridux wisq għerf u kuraġġ. Kemm jiswa li nagħtu kas dwar xi ngħidu u x'nirrakontaw! Ma nkunux aħna stess li nġarrfu l-pontijiet bejna u l-proxxmu għax nispiċċaw iżolati u waħedna.

Ikoll nixtiequ li dawk li, xi darba, inqasnihom, jaħfrulna u jinsew. Ħadd ma jieħu pjaċir ikun jaf li hemm min li, il-mument li jarana, idawwar wiċċu n-naħa l-oħra jew jgħaddi kummenti xejn sbieħ. Ejjew, mil-lum stess, ngħixu u nipprattikaw dak li nixtiequ u nistennew minn ħaddieħor. Tiftakru x'konna nisimgħu? Dak kollu li tridu li l-bnedmin jagħmlu magħkom, agħmluh intom magħhom! Sempliċi hux u tagħmel ħafna sens ukoll. Ma nistgħux nippretendu mod ieħor!

Aħna ngħixu f'pajjiż żgħir, ħafna drabi, bl-istess drawwiet u bl-istess twemmin. Ħdejn pajjiżi kbar, id-daqs ta' pajjiżna jikkompara ma' belt jew raħal ċkejken. Qisna tribù żgħir, ilkoll nafu lil, jew niġu minn, xulxin; prattikament, familja waħda. Minkejja dan, xorta ssib uħud li huma mbegħdin minn dawk ta' madwarhom. Il-kerha hi li dawn xorta ma jaraw xejn ħażin imorru jiġru madwar il-Mejda waqt li huma miġġieldin u ma jkellmux lil xi ħadd ieħor; anki membri tal-istess familja. Ma ninsewx li ġejna mwissijin li, jekk nippersistu u ma nirranġawx, nitħallew barra mill-wirt destinat għalina. Forsi hemm dawk li jirraġunaw li dan mhux sew u mhux ġust. Għaliex le? Għaliex nistennew li aħna ninħafru imma nirrifjutaw li naħfru lil ħaddieħor? Li taħfer ma jfissirx bilfors li tinsa. Il-memorja hemm kienet u taf tibqa' hemm ukoll. Imma l-maħfra hija riżultat ta' deċiżjoni. Tiddeċiedi li ma tħallix il-kwistjonijiet li jinqalgħu bejnek u bejn ħaddieħor jirrovinawlek ħajtek.

Ilkoll twelidna taħt id-dell ta' knisja u naħseb li, minn mindu konna ċkejknin, ilkoll daħħluna niffurmaw parti mill-poplu li jiltaqa' f'dik il-knisja. Ejjew ma ninsewx li, fejn tidħol il-kwestjoni tal-maħfra, min waqqaf dik il-Knisja, la ħalla twieqi u lanqas bibien miftuħin jew imbexxqin. M'għamel ebda eċċezzjoni. Qalilna li Hu ser ikun qed jittratta magħna bl-istess kejl li aħna nużaw mal-oħrajn. Ma semmiex kliem bħal "sakemm" jew "imbasta". M'għamel ebda regola li tissettja l-minimu u l-massimu. Ma ħalliex f'idejna biex niddeċiedu. Iva, anki jekk xi ħadd ikun naqasna sebgħa u sebgħin darba, qalilna biex naħfrulu wkoll.

Dari, meta kienu jmorru għand tal-merċa, ħafna nisa kienu jieħdu magħhom pitazz żgħir li, fih, kien ikun hemm imniżżel xi jkun fadlilhom iħallsu. Il-pagi kienu baxxi. F'nofs il-ġimgħa, kont trid tara kif iġġannat biex twassal sal-paga li jmiss. Allura, ħafna kienu jixtru bid-dejn u tal-ħanut kien jikteb fil-pitazz ħalli kulħadd ikun jaf kemm kien ikun fadallu jieħu.

Tħallix skeletri u għadam niexef taħt il-kaptelli ta' qalbek! Billi tidfinhom ma ssolvix problemi. Ftakar li dawn jitniżżlulek fil-pitazz iż-żgħir. Iddeċiedi qabel ikun tard wisq! Aħfer lil kull min, b'xi mod, naqsek u fittex eħles minn dejnek. Ma ninsewx li dak il-pitazz inġorruh magħna u nippreżentawh meta jkun il-waqt. Ma nkunux boloh u nħallu l-pitazz tagħna jitgħabba b'dejn li ma nkunux ħlisna minnu! Żgur ma jirriflettix tajjeb fuqna jekk jinstab li dejnna ma nkunux ħallasnieh!

# Waqt il-lejl, wennisna Mulej

## *Poeżija ħelwa ta' Saviour Camilleri mill-Isla*

**Waqt li nieżla x-xemx fil-ħmura,**
**qed jinstemgħu 'l hawn resqin**
**tokki kiebja ta' qanpiena,**
**f'dik il-ħemda, bħal reqdin.**

**F'dan il-ħin, il-ħolqien kollu**
**jinżel għarkupptejh, Mulej;**
**jagħtik ħajr għal jum ta' ħidma**
**qabel jidħol sewwa l-lej'.**

**Ħarstek itfa' timraħ sħiħa**
**fuq l-għoljiet u fil-widien,**
**kull fejn jgħammru n-nies imġarrba,**
**f'dawn l-inħawi u kullimkien.**

**U kull min jinsab imtaqqal**
**jew mill-ħajja disturbat,**
**roddlu s-sliem u tih il-faraġ,**
**seddaq jiemu fuq din l-art!**

**Għall-bnedmin imnikkta kollha,**
**kun musbieħ fi swied il-lej'!**
**Ixgħel qlubhom b'nar imħabbtek,**
**kun id-dawl taż-żmien li ġej!**

**Ħannen miegħek bl-għożża kollha**
**lill-imsejken moribond!**
**Ixħet fuqu l-grazzji tiegħek**
**ħalli l-Ġenna jidħol pront!**

**Ġo dirgħajk ħanina żommna**
**u wennisna tul dal-lej'!**
**Oqgħod ħdejna xħin nistrieħu**
**ħalli ma jiġrilna xej'!**

# Il-lessiku Malti fid-dizzjunarju tal-Professur Ġużè Aquilina

## It-tieni u l-aħħar parti

*Kitba ta' Anthony Cardona*



Meta għamilt it-teżi tal-M.A., kont ittrattajt il-morfoloġija tal-plural fil-Malti u kelli nuża l-volumi tad-dizzjunarju ta' Aquilina bħala l-bażi għall-ġabra ta' lessiku li kont neħtieġ biex nagħti ħarsa lingwistika lejn il-plural tal-Malti. Ġbart mal-erbgħin elf kelma u, meta bdejt nikklassifikahom, iltqajt ma' ċerti rqaqat li, minnhom, ser insemmi biss xi whud li huma ta' nota:

a) Xi ittri partikulari, bħal: A, E u J fihom għadd żgħir ta' kliem meta mqabbla ma' ittri oħrajn.

b) Ittri bħal: B, Ċ, Ħ, K, L, M u GĦ fihom għadd sostanzjali ta' verbi Semitiċi li jiġġeneraw nomi u aġġettivi tal-aġent bħal: bejjiegħ, ħakkiem, kennies, għalliem u naġġar; nomi tal-unità bħal: bajda, ċipsa, ħobża, kelma, mejda u għadma; nomi verbali bħal: bejgħ, ħruġ, ksur u logħob; nomi mimmati bħal: mgħażqa, mħabba, moħqrija u mibegħda; kif ukoll parteċipju attiv u passiv bħal: ħiereġ/ħierġa/ħerġin, miexi/miexja/mexjin u mkisser, mħatteb, mgħaffeġ u mkasbar. Il-qawwa ġenerattiva tas-Semitiku li, mill-għerq tal-verb tibqa' ssawwar u tibni forom ġodda ta' kliem, tidher minn dan l-eżempju: ĦaKeM - ħakma, ħakkiem, ħakkiema, maħkum, maħkumin, ħkim, ħkima, ħakmiet, nħakem u ħakem.

ċ) Fil-każ tal-prefissi dis/- u diż/-, gas/- u gaż/-, u oħrajn, Aquilina jimxi mar-regola fonetika tat-Taljan u juża dis/- ma' kliem li jibda b'konsonanti mniffsa (konsonanti rotob bħal p/t/k) u diż/- ma' kliem li jibda b'konsonanti mleħħna (konsonanti qawwija bħal b/d/g) jew inkella ma' vokali, bħal pereżempju: disfatta, dispjaċir, diskriminazzjoni, disċarġ, diżgrazzja, diżinfettant, diżordni u diżunur, gastra, gasteropodu, gastrite, gaskit, gażometru, gażiba, gażoġenu u gażanja.

d) Rigward xi prefissi oħraln bħal ġeo/-, li huwa ta' nisel Grieg, (ġeo/-, ġjo/-, ġo/-, huma morfemi (l-iċken parti tal-kelma li fiha tifsira bażika) mill-Grieg li jfissru 'd-dinja' bħala pjaneta). Aquilina jindika li jista' joqgħod minfloku ġjo/- jew ġo/- ma' għadd ta' kliem ta' xeħta xjentifika, bħal pereżempju: ġeoċentriku, ġeofiżika, ġeografija, ġeopolitiku, ġografija, ġometrija, ġjografija, ġjometrija.

e) Fl-ewwel volum, l-ittra K fiha l-akbar għadd ta' lessiku (2990 kelma). Fiha nsibu għadd sostanzjali ta' verbi kwadrilitteri bħal: kagħbar, kawlat, kagħweġ, kasbar, kafkaf, karkar, keskes u kexwex li, uħud minnhom, huma verbi onomatopejċi (kliem li jimitaw il-ħoss imfisser mit-tifsira, bħal ċplaqq). F'dan il-volum, Aquilina jagħti lista twila ta' verbi ta' nisel Romanz li jieħdu l-vokali ewfonika (vokali tal-leħen) bħal: ikkaċċja, ikkalma, ikkaġuna, ikkalkula, ikkollabora u oħrajn.

f) Ħafna mill-prefissi bħal: ideo/-, mega/-, neo/-, onto/-, paleo/-, retro/- u oħrajn li, x'aktarx, ġejjin mil-Latin u mill-Grieg u li jingħaqdu ma' zokk morfemiku Romanz, jagħtu tifsira bijoloġika, filosofika jew xjentifika bħal, pereżempju, ideoloġija, megalitiku, neolitiku, ontoloġiku, paleografiku u retrospettiv.

ġ) Fit-tieni volum, taħt l-ittra M, Aquilina jagħti lista ta' nomi mimmati u oħra ta' parteċipju passiv u jirreferi għall-verb ewlieni u l-etimoloġija tagħhom biex juri minn fejn ġejjin bħal, pereżempju, mitħna minn TaĦaN, moħriet minn ĦaRaT jew midluk minn DiLeK u mitluq minn TeLaQ.

ħ) Hemm ukoll id-distinzjoni fonotattika (l-istudju tas-sekwenza ta' ħsejjes li joqogħdu flimkien ġo lingwa) ta' bejn il-plural miksur tan-nomi mimmati b'tifsira ta' post jew għodda bħal: maħżen/mħażen, mafkar/mfakar, misluta/msielet u martell/mrietel, li dejjem iżommu l-vokali a/ie bħala l-vokali twila fl-ewwel sillaba meta mqabbla mal-parteċipju passiv li jibqa' b'vokali qasira fl-ewwel sillaba

bħal: baċċaċ/mbaċċaċ, bassar/mbassar u berraq/mberraq. Imbagħad, ikompli b'din il-lista skont l-ordni alfabetika, l-aktar bin-nomi mimmati u parteċipji li jitnisslu mill-verbi tal-ewwel u tat-tieni forma. Biex issib it-tifsira ta' xi kelma li tibda bl-ittra M, trid tfittixha, jew skont l-ordni alfabetika jew, inkella, tara x'inhu l-għerq etimoloġiku tagħha. Pereżempju, il-kelma "misluta" ssibha taħt l-ittra M u ssibha wkoll taħt il-verb 'SiLeT'. Aquilina din jindikaha hekk: "Misluta" – ear-ring; mim.f.n of silet.

i) Ittri bħal Q, S u T fihom għadd ta' verbi mis-Semitiku tal-ewwel u t-tieni forma, bħal: QaBaD, QaTeL, QaDeF, SeBBaĦ, SeLLeM, SaMMaR u SaWWaT, jew TaR, TaJJaR, TeLLeT, u TaQQaB. Taħt l-ittra T, insibu wkoll ħafna nomi verbali tal-unità, peress li dawn jieħdu l-prefiss T quddiem l-għerq, pereżempju: TaGĦLiMa, TiSLiBa, TiNWiĦa u TiXWiXa.

j) Ċerti ittri bħal: Ċ, G, P u V jinkludu għadd ta' kliem ta' nisel Sqalli jew Taljan bħal: ċanga, ċejċa, gravi, patri, vapur u vleġġa. U, taħt l-ittra N, issib ukoll lista ta' verbi tas-seba' forma bħal: NQaBaD, NQaBeŻ, NQaFeL, NQaLa', NQaRaS, u NSeLaĦ, kif ukoll lista ta' verbi tat-tmien forma bħal: NTaĦaR, NTaQaX, NTaXaR, NTaŻa', NTeFaĦ, NTeSa, NTiSeĠ, u NTaDaR.

k) Taħt l-ittra GĦ, hemm għadd ta' verbi Semitiċi tal-ewwel u tat-tieni forma bħal: GħaDaB, GħaFaS, GħeLeB, GħeReQ, GħoĠoB, GħoLoB, GħaDDa, GħaFFeĠ, GħaĠĠeB, GħaJJaT, GħaKKeS, GħaLLaQ u GħaMMeD. Ħafna minn dawn il-verbi jnisslu (1) in-nom tal-aġent, (2) il-parteċipju passiv, (3) in-nom femminil tal-unità, (4) in-nom verbali u (5) verbi oħrajn. Pereżempju: GħaFFeĠ – Għaffieġ, mgħaffeġ, għafġa, u tgħaffiġ.

l) Taħt l-ittra P, issib ħafna kliem ta' nisel Romanz bħal, ngħidu aħna: paċenzja, paċi, padrun, paġna, pagun, pajp, pala, panew, papa, paragun, paroli, parti, passiv u patri. Naturalment, il-konsonanti P hija ta' oriġini Romanza però tikkorrispondi mal-ħoss imniffes tal-ittra B li hija Semitika. Pereżempju, fil-kelma "bieb", fejn l-aħħar b tinstema' p. Taħt din l-ittra, insibu wkoll lista ta' verbi Romanzi bħal: ippassja, ippenetra, ippersegwita, ippropona, ippompja, ipprova, ippurifika u ippulixxja.

m) Aquilina jagħti wkoll tagħrif dwar numri, dati, ħinijiet, qisien, muniti u piżijiet kif ukoll lista toponomastika ta' pajjiżi tad-dinja, ta' bliet ewlenin Ewropej u oħrajn ta' bliet u rħula Maltin u Għawdxin, kif ukoll lista ta' ismijiet ta' persuni. Imbagħad, fl-erba' volumi bl-Ingliż, insibu ħafna ripetizzjonijiet ta' kliem li deher fl-ewwel żewġ volumi kif ukoll għadd ġmielu ta' kliem ġdid li qatt ma deher qabel. Hawnhekk, ser nagħti lista twila ta' kliem li ma nsibux fl-ewwel żewġ volumi.

a) agribusiness, agronomy, animal husbandry, absent minded, all rounder, atrium, auricle, arminger, assurgent, attic, air brush, astronavigation, annuity, augment, annulus, antibody, alien, arbor, armchair theatre, apse, anode, army ant u aerofoil.
b) birth control, beta blocker, black body, boson, bruxism, black magic, black out, boulder, bisector, bandana, banner, black fin, brill, bulkhead, bleacher u borazon.

c) countdown, capsule, credit card, chimera, chromatid, clone, curtain raiser, cowl, crosier, commodity, culvert u colour code.
d) daddy longlegs, diptera, drone, drugstore, deontic, deontology, donor, duct, dry plate, donga, downtown, dolerite, dodecahedron, direct speech, diapers u domino.
e) electric eel, elver, electron beam, excise, e-mail, espresso, exposure, entrapment, end game, eigen frequency, expectorant, escape velocity, europium u foreign exchange.
f) freehold, franglais, first reading, flow chart, first aid, frequent pulse, food processor, friction disc, foliation, cloud formation, forecast, fire power u firestone.

M'għandix għalfejn nagħti lista tal-alfabet kollu għax l-iskop huwa biex nagħti ħjiel ta' x'tip ta' kliem ġdid insibu fl-erba' volumi tal-Ingliż. Naturalment, ċertu kliem tista' ssibu taħt ittri oħrajn. Imbagħad, Aquilina jagħti wkoll lista bl-Ingliż u bil-Malti ta' pajjiżi tad-dinja li huma membri tan-Nazzjonijiet Uniti u, mill-isem tal-pajjiż, joħroġ ukoll l-aġġettiv bit-tifsira tal-ilsien tal-pajjiż jew tan-nies li jgħixu fih. Insibu wkoll lista ta' ismijiet tal-ibliet tal-pajjiżi Ewropej u tal-kontinenti, pereżempju:

America - L-Amerika - American – Amerikan;
Australia - L-Awstralja - Australian – Awstraljan;
The Bahamas - Il-Baħamas - Bahamian – Baħamjan;
Belgium - Il-Belġju - Belgian – Belġjan;
Canada - Il-Kanada - Canadian – Kanadiż;
Egypt - L-Eġittu - Egyptian – Eġizzjan;
Europe - L-Ewropa - European - Ewropew.

Id-dizzjunarju tal-Professur Aquilina huwa teżor kbir mhux biss għall-Maltin u l-Għawdxin li jgħixu f'dawn il-gżejjer imma anki għal dawk li jgħixu barra minn Malta, bħalma huma l-emigranti fl-Awstralja, fil-Kanada, l-Ingilterra u f'pajjiżi oħrajn, imferrxin mad-dinja. Nemmen li kulħadd għandu jkollu kopja tas-sitt volumi ta' dan id-dizzjunarju, speċjalment kull min jaħdem fil-qasam lingwistiku, traduttorju, akkademiku, letterarju jew professjonali. Il-ħasra hi li, maż-żmien, l-ilsien jinbidel waqt li d-dizzjunarju jibqa' kif ikun. Sadattant, jibqa' jkollu l-iskop li jaqdi lil min ifittex it-tifsir tal-kliem waqt il-qadi ta' dmirijietu. Jalla dan l-iskop jibqa' jintlaħaq għal ħafna żmien, forsi sakemm tinħass il-ħtieġa li jiġi kkumpilat dizzjunarju ġdid li jkun jirrifletti l-iżvilupp li jkun sar fil-Malti permezz taż-żieda ta' neoloġiżmi ġodda li jibqgħu jidħlu fil-Malti u jsiru parti minnu. Nemmen li dan għad ikun xi ħaġa *online* għax lil hemm miexja t-teknoloġija lingwistika.

# L-anzjani u l-pajsaġġi ta' dari

***Kitba ta' Patri Mario Attard OFM Cap***



Xi żmien ilu, kelli l-grazzja nsegwi kors mill-aktar interessanti *online* fuq l-Enċiklika tal-Papa Franġisku, *Laudato Si,* li titħaddet dwar il-ħarsien tad-dar komuni; id-dinja tagħna. Irrid ngħid li dan il-kors tabilħaqq interessanti aqta' kemm bih il-Mulej fetaħli orizzonti ġodda! Ibda biex, dwar l-anzjani fir-relazzjoni tagħhom mal-ambjent! Għax hemm rabta qawwija bejn l-anzjani u l-ambjent naturali!

Fil-verità, meta wieħed jaqra sewwa l-Enċiklika *Laudato Si*, kulma jsib hu biss żewġ referenzi diretti għall-anzjani. Madankollu, it-tnejn li huma, diġà fihom oċejan sħiħ ta' tagħlim. Dan għax, fil-qalba tal-qalb tagħhom, it-tnejn li huma joħduna, anzi, b'qawwithom kollha, jiġbduna, lejn l-importanza tal-ambjent naturali tagħna. L-ewwel li jitla' fuq l-*iscreen* hu l-ambjent naturali. F'kelma waħda, il-pajsaġġ! Fil-fatt, fl-Enċiklika tiegħu dwar id-dar komuni tagħna l-bnedmin, il-Papa Franġisku jitħaddet fuq dan il-pajsaġġ naturali meta jgħid: *F'ħafna nħawi tal-pjaneta, l-anzjani jiftakru b'nostalġija l-pajsaġġi ta' dari li issa jidhru mirduma taħt munzelli ta' żibel mixħut 'l hawn u 'l hinn*.

Personalment, insir aktar konxju ta' dak li kiteb il-Papa kull darba li ngħaddi minn fejn kien joqgħod l-għażiż nannuwi li ħalla dan il-Wied ta' Dmugħ fl-għomor sabiħ ta' 93 sena u erba' xhur skorruti. Meta ngħaddi minn fejn kien joqgħod hu, illum ma narax ħlief blokki mostrużi ta' appartmenti! Inħares biss lejhom jaqbiżli d-dmugħ! Fejn hi d-dar tradizzjonali Maltija? X'sar minnha r-remissa? Fejn hu l-ħajt tas-sejjieħ li, fis-sajf, in-nannu, għall-ħabta tal-erbgħa ta' waranofsinhar, kien jaqsam ħerqan it-triq biex imur joqgħod għad-dell frisk tiegħu fuq dak is-siġġu ta' lewn *beige*? Anki dak min jaf x'sar minnu miskin!

Insemmi biss ħjiel mill-ġmiel li kien hemm fil-madwar ta' fejn kien joqgħod nannuwi u diġà ġismi qed iqum xewk xewk u, minn għajnejja, aqta' kemm qed ileħħ u jġelben dmugħ! Dan għax, mal-pajsaġġ naturali tagħna li, b'qasma ta' qalb, illum, xi wħud minnu nqered ħesrem u, f'xi każi, għalkollox, hemm marbuta katina ta' ġrajjiet! Liema ġrajjiet ifakkru b'tant għożża biżibilju ta' waqtiet sbieħ ta' ferħ, paċi u ta' ħafna ħolm sabiħ! Għax, jekk l-arja li konna nieħdu ġewwa fina kienet daqshekk safja, dan żgur għax l-ambjent naturali kien safi; mingħajr żvilupp irresponsabbli li jħares biss lejn il-but u mhux lejn il-qlub!

U, kull darba li ngħaddi biswit il-post fejn kien joqgħod nannuwi, inħossni ċert li din l-esperjenza jgħaddu minnha l-anzjani kollha li jfettlilhom idawru ħarsithom lejn fejn kienu trabbew huma. X'għafsa ta' qalb meta, minflok dik il-balluta, il-ħarruba, iż-żebbuġa, il-ħawħa, il-larinġa u x'naf jien, isibu biss ħajt iebes samm tal-ġebel, mingħajr ħajja! Dan il-ġebel jista' qatt xi darba jagħtik in-nifs, l-ossiġnu u jeħilsek minn dak li huwa tossiku?

Barra minn hekk, il-pajsaġġ naturali jfakkar lill-anzjani fil-ġrajjiet ħelwin ta' tfulithom. Xi ġmiel, meta konna nistaħbew wara dik is-siġra! U kemm konna niġru fl-għelieqi! Daqqa nidħlu fl-għelieqi ta' dak ir-razzett u daqqa f'tal-ieħor! U kemm konna niġbru fjuri sbieħ! Jew inkella, meta kienet tagħmel ix-xita, konna nimlew il-ġewlaq bil-bebbux li konna nsibu billi nqallbu l-ġebel! Biex ma nsemmux ukoll meta konna mmorru sal-baħar u, il-missier jew iz-ziju, kien joħroġ bil-ħġieġa għar-rizzi! Inkella kien jogħdos għalihom! U kemm konna mmorru ngħumu bil-basktijiet imburġati bil-ħobż biż-żejt, bit-tadam, bil-kappar, bil-basal u bil-ġobon tal-bżar! Jew ħobż mimli ġbejniet friski!



Għalkemm għadda ħafna żmien minn fuqhom, dawn il-waqtiet għadhom sal-lum jimluna bil-ferħ kull darba li naħsbu fihom u kull darba li ngħaddu minnhom bil-karozzi tagħna flimkien ma' wliedna u ma' wlied uliedna għal dik id-dawra sabiħa tal-Ħadd waranofsinhar. Xi ġmiel, meta nħarsu lejn dawn il-postijiet li jagħtuna tant paċi f'qalbna għax ifakkruna fl-innoċenza, fis-sempliċità, fil-ferħ u fl-għaqda li kellna bejnietna meta konna żgħar!

U aħna, li forsi għadna ma ngħoddux ruħna mal-kategorija tal-anzjani, kif qal il-Papa Franġisku fl-Enċiklika tiegħu, ejjew nisguraw li, lill-anzjani tagħna, qatt ma nwarrbuhom għax forsi m'għadhomx jistgħu jaqdu l-interessi tagħna iżjed imma nfittxu li, kemm nistgħu u kemm nifilħu, inlaqqgħuhom ma' dawn il-pajsaġġi ta' dari li tant iferrħuhom għax jimlewhom bit-tama tal-valuri li ma jispiċċaw qatt!

# Żewġ minuti kollox

***F'żewġ minuti, l-anzjan attiv, Franky Piccinino, jirrakkonta erba' ċajtiet***

Wieħed daħal għand tabib tal-għajnejn u qallu: "Dott, ma nafx xi ġrali imma qiegħed nara kollox doppju!"
It-tabib qallu: "Poġġi bilqiegħda!" u l-pazjent kien pront staqsieh: "Fuq liema wieħed?"
Wara li t-tabib inivistah u għamillu operazzjoni żgħira f'għajnejh, il-pazjent qallu: "X'jien obbligat Dott?"
"Erbgħin ewro," qallu t-tabib.
Il-pazjent tah karta ta' għoxrin ewro u qabad ħiereġ 'il barra. It-tabib qallu: "Hawn karta waħda ta' għoxrin ewro tajtni!" u l-pazjent qallu: "Mela ma fejjaqtnix, għax jien tnejn qed narahom!"
U t-tabib kompla jgħidlu: "U għandek ħames ewro tas-siġġu wkoll."
U l-pazjent wieġbu: "Dak tajjeb kieku għax dawk is-siġġijiet għoġbuni. Allura jekk noħodhom it-tnejn, ma tnaqqaslix xi ħaġa?"

---

Nemla rifset iljunfant u, billi kienet nemla edukata, kienet pronta qaltlu: "Skużani! Weġġajtek?"
"Ma jimpurtax," qalilha l-iljunfant; "ma stajtx kont jien?"

---

Anzjan mar ġita sa Londra u, waqt li kien hemm, daħal jara l-Mużew tal-Istorja. Dam idur u, sa fl-aħħar, beda jgħajja. Kien hemm pultruna sabiħa lewn id-deheb, miksija bid-damask aħmar u mar poġġa bilqiegħda fuqha. Fil-pront, ġie jiġri kustodju bl-uniformi li, bil-ħatfa, qallu: "*Mister*, qum minn hemm għax dik il-pultruna favorita tar-Reġina Vittorja!"
"Titbaqbaqx sieħbi," qallu l-anzjan, "jekk tiġi, ibqa' ċert li nċedilha!"

---

Wieħed daħal jiekol f'*restaurant*. Meta ġabulu l-ewwel platt, bi stagħġib kbir, għajjat: "Waiter, hawn dubbiena fil-brodu!"
Il-waiter, mifxul, qallu: "Mhux tort tiegħi; issib li l-kok ma neħħihomx kollha!"

# IL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-ANZJANI JAWGURA LILL-OMMIJIET KOLLHA L-ISBAĦ XEWQAT F'JUM L-OMM



# RAPPORT AMMINISTRATTIV TAS-SENA 2023

## Waqt il-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani li saret fl-14 ta' Marzu 2024

Mill-ewwel laqgħa tal-Kunsill li saret f'Mejju tal-2024, wara l-Assemblea Ġenerali Annwali sal-lum, saru b'kollox 10 laqgħat, għax fix-xahar t'Awwissu ma saretx laqgħa. Il-laqgħa ta' Novembru saret ġewwa Għawdex.
Minn żmiem għal ieħor kien ikun hemm ukoll laqgħat straordinarji minħabba li l-laqgħa ta' darba fix-xahar ma kienx jintlaħaq ix-xogħol kollu, apparti dan kien hemm ukoll laqgħat b'Sotto Kumitati.

L-attendenza tal-membri għal-laqgħat matul is-sena kienet tajba. (ara Appendiċi A).

Is-Sena 2024 kienet sena bħal snin oħra ta' qabilha fejn il-President flimkien mall-Eżekuttiv u l-membri tal-Kunsill ħadmu id f'id flimkien bi sħiħ.

Fost il-ħidmiet li wettaq il-Kunsill, attendejna laqgħat u stediniet ma' diversi entitajiet, *seminars*, u konferenzi. Attivitajiet mill-Gvern, mill-Partit Laburista, mill-Partit Nazzjonalista. Laqgħat mall-MEPs, ċerimonji u stediniet għal serati Kommemorativi, u għal laqgħat Ġenerali Annwali ta' Għaqdiet Affiljati mal-Kunsill, kif ukoll tal-*AGE Platform Europe*, ġewwa Brussell.

Laqgħat oħra ta' ħidma u importanza għal Kunsill kienu, laqgħa ta' konnoxenza u ħidma mal-Eċċelenza Tagħha Dott. Myriam Spiteri Debono, President ta' Malta. Il-Kunsill talabha jekk jogħġobhiex li ġġedded il-Patroċinju Tagħha fuq-il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani, u li fejn l-E.T., aċċettat imedjatament. Is-Sur Peter Paul Bonnici, bħala President u inrappreżentanza tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani, irringrazzja u qalilha li jestendi id-disponabilità ta' dan il-Kunsill, biex fejn ikun hemm il-bżonn, jestendi il-ħidma għal servizz mitlub.
Mall-E.T., tkellimna rigward l-isem tal-kelma ANZJAN li mhix qiegħda mniżżla fil-kostituzzjoni. Din hija importanti li l-kelma ANZJAN tkun imniżla għax magħha jkun hemm ħafna *strings attached* li jagħtu aktar saħħa lil-anzjan. Bħalma wieħed għandu d-dritt tal-edukazzjoni, dritt ta' xogħol eċċ., ser ikun hemm ukoll dritt tal-anzjanli jimxi ma' prinċipji bażiċi fuq ċertu jedd, saħħa, li l-anzjan li jibqa' jaħdem wara l-età tal irtirar. Id-diskriminazzjoni ta' età u l-abbużi li anzjan ikun qiegħed isofri, u li l-azzjoni trid tittieħed fil-ħin u mhux id-dritt tal-Anzjan jispiċċa fuq l-ixkaffa. Din ser tkun pass validu ħafna. Il-President ta' Malta wegħditna li għandha tagħmel laqgħat mall-Ministru tal-Finanzi, il-Ministru tas-*Social Policy* u l-Ministru tal-Ġustizzja. Offriet ukoll li terġa' tiltaqa' ma' membri tal-Kunsill biex jitkellmu rigward il-pensjonijiet tal-*Pre* 62 u mill-liema klawsola tal-liġi toħroġ u l-aħħar rapport tal-*Pension Working Group* ta' 2020.
Laqgħat kontinwi kienu mall-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, l-Onorevoli Dr Jo Etienne Abela MD, MPhil, MRCS, FRCS, FEBS, MP, u mas-Segretarju Parlamentari għall-Anzjanità Attiva, l-Onorevoli Dr Melcolm Paul Agius Galea MD, MP, fejn sibna appoġġ kbir minnhom.

Il-President, is-Sur Peter Paul Bonnici, u s-Segretarju Internazzjonali, Dr Anthony De Giovanni, li kienu ġew nominata mill-membri tal-Kunsill biex ikunu fuq il-Bord tal-Kummissarju għall-Anzjani, attendew għal diversi laqgħat mall-Kummissarju Dr Alexander Attard, kif ukoll għas-*Seminar*, imtella' mill-Kummissarju tal-Anzjani, bl-isem "*Transforming Care for Older Adults in Malta*", li ġie mistieden il-Kunsill kollu u li fejn il-President, is-Sur Peter Paul Bonnici u s-Segretarju Internazzjonali, Dr Anthony De Giovanni ġie mistieden biex jieħu sehem fil-*panel*, fejn is-Sur Peter Paul Bonnici ma setgħax j'attendi minħabba li kien imsiefer.
F'Novembru meta saret il-laqgħa tal-Kunsill f'Għawdex, ġew organizzati laqgħat oħra, waħda mall-Eċċelenza Tiegħu, Mons. Anton Teuma, Isqof ta' Għawdex, li saret ġewwa l-Kurja tal-Isqof. Fil-laqgħa mal-Isqof ta' Għawdex, ġew diskussi temi purament li jolqtu l-Anzjani kemm dawk Għawdxin u kemm dawk Maltin.
Fost suġġetti diskussi, kien hemm id-diffikultajiet li jitaqgħu magħhom illum l-anzjani, punt minnhom huwa li biex wieħed jinqeda jrid ikun intiż fl-użu ta' teknoloġija kemm mall-banek, ma' dipartimenti tal-gvern, eċċ. eċċ... Is-solidarjetà tal-anzjani, il-ħtieġa ta' komunikazzjoni attiva, it-trażmissjoni tal-anzjani mall-familjari tagħhom u l-importanza li l-anzjani jkunu involuti aktar attivament fil-komunità.
Laqgħa oħra li kella sirr kienet mal-Ministru għal Għawdex, L-Onor. Clint Camilleri, fejn din il-laqgħa ma saretx minħabba

impenji oħrajn tal-Ministru.
Il-laqgħa tal-Kunsill saret fl-Uffiċċju tal-Ministru tas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, l-Onor. Dr Jo-Etienne Abela, li għoġbu jilqa' t-talba tal-Kunsill biex nagħmlu l-laqgħa tagħna f'waħda mis-swali tal-Uffiċċju tiegħu.
Din is-sena waqt l-elezzjoni tal-MCESD, il-Kunsill rnexxilu li jkun ukoll fuq MCESD.

Irċevejna minn għad sostanzjanli tal-Għaqdiet Affiljati li huma Vo, fejn issubmittjaw il-formola tal-MCESD. Ringrazzjament, apprezzament u informazzjoni lil dawk kollha li wrew fiduċja fil-President is-Sur Peter Paul Bonnici, li nominawh, biex issa l-Anzjani jkollhom vuċi fl-MCESD.

Issa il-President, is-Sur Peter Paul Bonnici  beda jattendi l-laqgħat ukoll ta' *Civil Society Committee*.

Fost laqgħat oħra li attendejna u ħidmiet li ħadna sehem attiv fihom huma:

Membri mill-Kunsill u membri mill-Għaqdiet Affiljati mall-KNA, ipparteċipaw permezz ta' *focus group* mas-Sur Spiteri Gingell, dwar *National Strategy for Poverty and Social Inclusion 2025-2035*.

Laqgħat u ħidmiet kontinwa mas-Sur Mark Musù rigward, it-tneħħija tal-anomalija *pre* 1962 u l-*modus operandi* sena, sena kemm il-pensjonati kollha jiġu ugwali, ħalli nikkoreġu qabel il-baġit li jmiss u mhux wara. Dwar il-proġezzjoni tal-*cost of living bonus* jiġi l-istess għal dawk il-pensjonanti mill-2009, u dwar id-deduzjoni tal-pensjoni meta jkun f'dar tal-anzjani. Saru wkoll laqgħat mall-Ministru tal-Finanzi, l-Onorevoli Clyde Caruana fuq dan rigward.

Saru laqgħat ma' CEO ta' Transport Malta, rigward linċenzji tal-vetturi, l-effett fuq l-assigurazzjoni, Rotta diretta TD – bil-flus u mhux b'xejn, *Fast Ferry* tiġi b'xejn lill-Anzjani u karozzi tal-linja (*over crowded*).

Laqgħa ma' Prof. Andrew Azzopardi, Dr Christian Borg, u Dr Maria Aurora Fenech mill-Fakultà għall-Benessri, rigward **iċ-Centri ta' Matul il-Jum u l-Impatt fuq l-Anzjani fil-Komunità.**

Il-President, is-Sur Peter Paul Bonnici, kien mistieden u anka biex jitkellem fil-laqgħa tal-Kabinett Anzjanità Attiva, li ġiet imtella' mill-Onorevoli Melcolm Paul Agius Galea, Segretarju Parlamentari għall-Anzjanità Attiva

Bagħatna il-*Manifest* tal-*AGE Platform Europe* lil Kanditati kollha qabel Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew 2024. U kellna laqgħat ukoll ma wħud minhom.

Attendejna l-*International Women's Day Conference* tal-NCPE, u Konferenza Annwali tal-NCPE. Kif ukoll saret laqgħa mas-Sinjura Renee Laiviera.
F'Awwissu l-Kunsill bagħat il-Proposti *Pre Budget Document* 2025, lid-Diviżjoni għall-Affarijiet tal-Baġit, fil-Ministeru għall-Finanzi. Fejn il-Kunsill ippropona dawn il-punti:

- Allokazzjoni biex jinbeda proċess ta' *Age Mainstreaming* fuq il-linji gwida ta' Nazzjonijiet Uniti.
- Li jsir provediment biex l-anomanija tal-1961/62 tiġi indirrizata fi żmien sentejn.
- Isiru miżuri li jsostnu l-edekwatezza ta' dħul tal-anzjani komparabli mal-*Minimum Wage*. Dan għandhu jwassal biex jiġu introddoti l-*Living Wage* u *Living Pension*. Għaldaqstant għandu jkun hemm rappreżentanza tal-anzjani fil-*Pension Working Group*.
- Li jsiru skemi infrastrutturali biex jinħolqu żoni li jkunu tajbin għal kull età (*Age Friendly)*.

Sar ukoll **aġġornament tal-***AGE Task Forces* 2024, fejn ġie konkluż li dawn il-membri aċċettaw li jkunu fuq dawn it-Task Forces:-

Is-Sur Josiah Grech fuq l-*Age-Friendly Environment*
Dr Anthony De Giovanni fuq l-*Adequate Income & Social Inclusion*
Is-Sur Emanuel Deguara fuq id-*Dignified & Healthy Ageing* u
Is-Sur Peter Paul Bonnici fuq l-*Employment & Participation*

Fl-1 ta' Ottubru ġejna mistiedna minn għand il-Caritas, fejn attendejna għaċ-Ċelebrazzjoni Ewkaristika ċċelebrata mill-E.T. l-Isqof Joseph Galea Curmi, fl-Okkażjoni tal-55 Anniversarju, fil-Jum Internazzjonali tal-Anzjani

Laqgħat u avvenimenti oħra li ħadem u attenda s-Segretarju Internazjonali tal-Kunsill, Dr Anthony De Giovanni, ġewwa Brussell huma:

l-Assemblea Ġenerali Annwali tal-*AGE Platform* u Konferenzi Annwali.

Avveniment fil-Parliament Ewropew fejn ġie ppreżentat il-*Manifest* Elettorali tal-*AGE*. Dr Anthony De Giovanni ppropona li għal linqas tiġi maqluba *short version* bil-Malti.

Il-Jum Internazzjonali tal-Anzjani, avveniment tal-*AGE* fil-Parlament Ewropew u li nfetah minn Dr Anthony De Giovanni, bħala *Acting President*.

Diversi Konferenzi *on-line* dwar l-*Ageism* li f'uħud minnhom ha sehem fihom hu stess.

Fl-*Open-Ended Working Group on Ageing*, fejn għal-ewwel darba mit-twaqqif tan-Nazzjonijiet Uniti, ġew rakkomandazzjonijiet

li jinkludu abbozzi ta' Konvenzjonijiet Internazzjonali dwar id-drittijiet tal-Anzjani.

Dr Anthony De Giovanni, apparti li huwa s-**Segretarju Internazjonali** tal-Kunsill, huwa wkoll l-Viċi President tal-*AGE Platform*. F'Ottubru tas-sena 2024 reġa' ħa l-ħatra għat-tieni mandat bħala Viċi President tal-*Age* b-90% tal-voti u xejn kontra. Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani flimkien mall-Għaqda Nazzjonali tal-Pensjonanti u Nanniet Malta li huma wkoll membri attivi ħafna fl-*AGE Platform* u l-kandidatura għall-Viċi Presidenza ta' Dr De Giovanni sabet l-appoġġ sħiħ tagħhom.

Minn hawn nifirħulu għal dan l-unur u għal ħidma tiegħu.

Din is-Sena kellna s-sħubija ta' Affiljazzjoni ta' Assoċjazzjoni oħra mall-Kunsill, li din hija l-assoċjazzjoni Veterani Forzi Armati ta' Malta, biex b'hekk il-KNA issa għandu 22 Għaqda/Assoċjazzjoni Affiljati.
Ħidma oħra li jagħmel il-Kunsill huwa l-*Magazine* 'L-Anzjani Llum', fejn minn din is-sena kellna domanda għal aktar *magazines* minn 2,100. Kellna inżiedu l-ammont tal-istampar għal 2,500 kopja. Dan ifisser aktar spejjes u aktar pustaġġ, apparti l-għoli eseġerat ta' kif għolew il-prezzijiet tal-posta.
Dan il-*magazine* jiġi mqassam lil Kunsilli Lokali, Djar tal-Anzjani, Ċentri ta' Matul il-Jum, Għaqdiet Affiljati mall-KNA u persuni individwali. Dan il-*Magazine* nippublikawh kull 3 xhur u naraw li jkun dejjem aktar attraenti u jinqara aktar faċli minn fost l-anzjani Maltin u Għawdxin. Minn hawn għan-nom tal-Kunsill nirringrazzja lill-Editur, is-Sur Vincent Piccinino, għall-ħidma u l-appoġġ li dejjem wera fil-Kunsill għalkemm muhwiex membru. Nirringrazzja lill-*Board* Editorjali, u s-Segretarja Amministrattiva s-Sinjura Marica Attard Cassar, li tgħamel il-biċċa l-kbira tax- xogħol minn dan il-*Magazine,* lis-Sur Josiah Grech, li barra li huwa wkoll qiegħed fil-*Board* Editorjali, jieħu ħsieb is-sit elettroniku billi jaġġorna il-*Website*, il-*Facebook page* tal-Kunsill, kif ukoll *Instagram* u *Twitter.* Nixtieq ukoll nieħu din l-okkażjoni biex nirringrazzja lil dawk kollha li taw xi donazzjoni u lil kontributuri li jiktbu fuq il-*Magazine* fejn nirringrazzjahom ukoll tal-kontribut li jagħtu bil-kitbiet tagħhom.

Ma nistax nagħlaq mingħajr ma niżżi ħajr lill-membri kollha tal-Kunsill tax-xogħol siewi tagħhom u l-għajnuna li dejjem sibt minnhom fil-qadi ta' dmirijieti bħala Segretarju. U fl-aħħar, imma żgur mhux l-inqas, ħajr lis-Segretarja Amministrattiva, is-Sinjura Marica Attard Cassar, għax-xogħol u l-appoġġ li dejjem tagħti lill-Kunsill u l-għajnuna li jien personalment dejjem sibt minnha.

Grazzi
Raymond Cardona
Segretarju Onorarju









# The candle

### *A story by Liz Bajada*

One day last week, after the sun had set, I decided to go out for a walk. The weather was slightly cooler after the long hot summer and this encouraged me to do the thirty-minute brisk walk which always managed to calm me down and relax me; especially, after a hard day's work at the office.

I was doing my usual round when, just across the road, I noticed a dim light coming from an unobtrusive place behind the village church. I had never noticed it before, most probably, because, usually, I go out earlier, when it is still light. To satisfy my curiosity, I crossed the road and gently opened a glass door. There was no one inside. The dim light that had attracted my attention came from a spotlight over the doorway and was directed onto a table on which stood a gold monstrance containing the Host, accompanied by two red candles, one on each side. So, this was a tiny chapel. The atmosphere inside was so peaceful and quiet that, automatically, I sat on one of the four empty chairs and stared at the holy items on the table. Suddenly, my attention was attracted by one of the candles which started flickering vigorously. I smiled as this brought back recollections of an evening when I was about eight years old; memories that are still very vivid in my mind.

Mother used to insist that homework was to be done on the dining room table as this gave her the opportunity to supervise what was going on from the kitchen. Both my sister and myself shared the same table. Should an argument arise, she would nip it in the bud. It was on a cold and rainy winter evening. All the windows and doors were shut to keep out the cold but, before we had time to finish our work, the lights went out and the house was left in pitch darkness. Automatically, my sister and I snatched each other's hand for support and comfort. But we did not have to wait long as mother soon came out of the kitchen carrying a lighted candle.

"What are we going to do, mum?" asked my sister. "We still have to finish our work for tomorrow!"

"No problem," I replied rashly. "Until the light is back, we can always watch television!"

"Idiot!" came my sister's reply. "How can you watch the telly without any electricity?"

But, before I could find a suitable retort, my mother put the candle in a glass and placed it between us.

"Now", she said, "you can both finish your homework and, when you are ready, I will tell you how important candles were to us during my childhood."

Mother was a great storyteller and, so, we quickly finished our work, packed up the books and joined her in the kitchen where a few more candles had been lit. We soon learnt that mother, who had lived her childhood during the Second World War, most times had to do her homework by candlelight as families had to turn any lights off in the evening, especially during air raids. She pointed out that, at that time, candles were on the precious items' list as, during the war, everything became scarce; even food items. In spite of this inconvenience, somehow, mum still loved working by candlelight as it made her feel cosy and safe. "You see," she said, "the small flickering light, shining in that darkness, gave me a sense of safety. It brightened my small world, shutting out all the dark and dreadful things that were happening outside. In life, one tends to take good things for granted and we only realise how precious they are when we no longer have them." I looked at the candles that stood on the kitchen table and realised what mother meant. Their light was shining on the three of us gathered there. It was a wonderful feeling! Automatically, I embraced my sister who was sitting next to me. She returned my affection by giving me a kiss and a gentle squeeze. True, there was darkness around us but that small light tied us together.

Suddenly, the electricity was back and the room was flooded with light. At that point, mother blew out the candles and said, "Come on you two! Prepare the table for dinner because father will soon be back from work and he would be hungry."

As I sat there, in that small chapel recalling that evening, I shifted my gaze onto the tiny host in the monstrance and thought that we are, indeed, very lucky to have a *light* always shining to guide our way; a candle which we, very often, tend to ignore but which is always there to brighten our lives; a lighted candle which we take so much for granted!

I stood up, thanked Him for being always there for us, opened the glass door and slowly walked out with a sense of gratitude and, why not? a sense of complete and utter happiness too!

# Is-Surmast Joseph Abela Scolaro 1910-1979

***Kitba ta' Peter Paul Ciantar***



Kull min iħobb il-marċi antiki (tas-snin sittin u sebgħin) u, speċjalment, jekk huwa mill-Ħamrun, żgur jiftakar lis-Surmast Joseph Abela Scolaro li miet fis-27 t'April, 1979. Kellu biss disgħa u sittin sena. Twieled fid-9 ta' Frar, tal-1910. Lill-Ħamruniżi, speċjalment l-ammiraturi tal-Banda San Gejtanu, ħallielhom diversi marċi tal-festa li għadhom ħajjin sal-ġurnata tal-lum, bħal, *Appasionata* u *Santiago di Cuba*. Ħallielhom ukoll l-Innu tal-Banda imma, fuq kollox, fl-1947, ikkompona għalihom l-Innu l-Kbir; kantata f'ġieħ San Gejtanu, li tindaqq f'okkażjonijiet speċjali, bħal xi anniversarju. Missieri (Alla jaħfirlu) dejjem kien jgħidli li dan l-innu huwa xi ftit twil imma sabiħ ħafna u li fih stoffa mużikali mill-aqwa. Jiddispjaċini li qatt ma smajtu. Is-Soprano Hilda Mallia Tabone kienet interpretatu u kienet tgħid li fih versi tal-poeta u ħabib ta' Abela Scolaro, Dun Frans Camilleri. In-neputija ta' Hilda, is-Soprano Miriam Gauci, kantatu wkoll.

Lis-Surmast Abela Scolaro kont nafu bis-saħħa ta' missieri, Karmenu, li daqq ħafna miegħu għax, kull fejn kien ikun Abela Scolaro, kont issib lil missieri bit-tromba baxxa. Fil-fatt, anki meta Abela Scolaro kien Surmast tal-Banda Leone tar-Rabat, Għawdex, missieri kien idoqq miegħu. Abela Scolaro kien jirrispettah lil missieri u missieri kien jirrispetta lilu. Niftakru jgħidli li s-Surmast Scolaro kien jaf il-pjanu sew u naħseb li għalhekk il-kompożizzjonijiet tiegħu fihom armonija tajba għax imnebbħin mit-tastiera tal-pjanu.

Għalkemm isem is-Surmast Joseph Abela Scolaro huwa marbut l-aktar mal-Każin tal-Banda San Gejtanu, li tagħha kien Direttur bejn l-1943 u l-1972, huwa kien ukoll Surmast Direttur tal-Banda Unjoni ta' Ħal Luqa, tal-Banda Maria Mater Gratiae ta' Ħaż Żabbar u tal-Banda Leone tar-Rabat, Għawdex. Jien, l-aktar li nafu kien meta kien Surmast tal-Banda Unjoni ta' Ħal Luqa, fi żmien Ċensu tat-Trumbun. Dan Ċensu kien ġuvni minn Ħal Luqa li kien jgħix biss għall-każin u għall-Banda Unjoni u kellu mħabba kbira għall-mużika tas-Surmast Scolaro. Niftakru jġennen lil missieri bil-marċi l-ġodda u x-xogħlijiet l-oħra ta' Scolaro u llum nistaqsi, tgħid x'sar minnha l-mużika ta' Scolaro? Għax, ħlief għal xi ftit marċi tal-festa, ma nisimgħu xejn aktar. Naturalment, l-Innu tiegħu għall-Banda San Gejtanu twieled biex ma jmut qatt. Niftakar meta qrabatu ppreżentaw lejla f'ġieħu fir-*Radio City*, il-Ħamrun. Ippreżenta din is-serata Norman Hamilton. Jien kont hemm imma, tant għaddew snin, li nsejt ħafna mid-dettalji.

Bħala innijiet kbar, Abela Scolaro kkompona wkoll ta' Sant' Andrija, tal-Madonna taċ-Ċintura u tal-Madonna tal-Grazzja. Dun Frans Camilleri kien qisu l-id il-leminija tiegħu għax kien joħloqlu vrus mill-isbaħ li donnhom kienu jispirawh. Fost il-kitbiet ta' Dun Frans Camilleri li Abela Scolaro mmużika, insibu *Lil San Pawl Appostlu* li kien l-innu għaċ-Ċentinarju ta' San Pawl tas-sena 1960. Dan l-innu kien rebbieħ f'kompetizzjoni; innu tassew sabiħ u għadu jitkanta. Insemmi wkoll l-innu li jitkanta spiss fil-knisja, *Quddiemek hawn miġbura*.

L-ewwel impressjoni diretta tiegħi mas-Surmast Abela Scolaro kienet fil-bitħa tal-Każin tal-Banda Unjoni ta' Ħal Luqa. Kont mort hemm għall-prova mal-banda flok missieri. L-ewwel li laqatni kienet il-kalma tiegħu; il-kalma li kienet tirrenja fih kienet tidher u tinħass sewwa. Kollox bil-kalma, jidderieġi bilqiegħda imma, xħin irid l-effetti qawwijin, kien iwarrab is-siġġu minn taħtu, jogħla 'l fuq u, bil-bakketta f'idu, iġiegħlek toħroġ l-effetti li ried. Qed niftakar dan ix-xenarju ċar daqs il-kristall minkejja li għaddew ħafna aktar minn ħamsin sena. Nostalgija sħiħa! Niftakru fin-noti sbieħ tal-*crescendo* fit-*tone poem, Finlandia*, ta' Jean Sibelius, imżejna b'dik iż-żiffa sajfija fil-bitħa tal-każin, ftit ġranet qabel il-Festa ta' Sant' Andrija. Naħseb li kien hawn li s-Surmast Abela Scolaro nduna bija u, forsi, anki xebbahni ma' missieri għax, meta ried effett qawwi, sabu. Deher kuntent, avolja kont għadni daqsxejn ta' żarmuġ. Għadda ż-żmien u, fl-ewwel snin tal-karriera tiegħi bħala ġurnalista tat-*Times*, stedintu għal intervista. Ridt inġibu fil-paġna tiegħi ta' kull ħmistax, *Classical Music Notes*, paġna li introduċietni mal-qasam mużikali.

Is-Surmast Abela Scolaro kien minn familja ta' mużiċisti. Missieru, Carmelo, li mingħandu ħa l-ewwel tagħlim tiegħu, kien surmast ta' diversi baned. Kien ukoll il-fundatur tal-Banda tal-Istitut San Ġużepp. Ma' din il-banda, ibnu Joseph beda l-karriera tiegħu fil-qasam tad-direzzjoni. Barra lil missieru, kellu wkoll lil zijuh, Salvatore, li wkoll kien surmast tal-Banda San Gejtanu. Kellu wkoll membri oħrajn tal-familja tiegħu li kienu midħla tal-mużika u tat-Teatru Rjal.

Missieru miet meta Joseph kellu biss disa' snin. Għal Joseph, din kienet daqqa ta' ħarta kbira imma xorta waħda baqa' miġbud lejn il-mużika tant li kompla l-istudji tiegħu ma' Luigi Vella u ma' Angelo Abdilla. Kien jistudja l-pjanu u tħarreġ fl-armonija ma' Carlo Diacono u ma' Carmelo Pace.

Is-Surmast Abela Scolaro kien minn tal-ewwel f'Malta li beda joqgħod għall-eżamijiet tal-mużika. Għamel l-ewwel eżami tiegħu meta kellu sebgħa u għoxrin sena u kompla b'eżamijiet oħrajn li wassluh għal diplomi. Fl-1950, sar *Fellow of the London College of Music (FLCM)*.

Barra li kien kompożitur, Abela Scolaro kien ukoll għalliem u, minn taħt idejh, ħarġu nies magħrufin fil-qasam tal-mużika Maltija, fosthom, Patri Albert Borg, Agostinjan, il-baxx, Joe Vella Bondin u ħafna oħrajn. Abela Scolaro kien ukoll organizzatur tal-mużika għall-iskejjel statali. Apparti dan, is-Surmast Joseph Abela Scolaro kien l-ewwel direttur tal-*Chorus Melitensis*; kor li, fl-1959, ħa sehem fil-festival tal-korijiet li sar f'*Wales*.

Is-Surmast Abela Scolaro kien bniedem ċajtier u kien jaf jissoċjalizza sewwa. Ikkompona diversi xogħlijiet mużikali, mhux biss marċi tal-festa, marċi funebri u innijiet imma wkoll mużika sagra, fosthom, quddies, *overtures* u ħafna aktar. Imma forsi ftit li xejn jafu li kien ikkompona wkoll mużika għal żewġ operetti. Is-Surmast Abela Scolaro kien iħobb ħafna l-opra u xtaq li l-istudenti tal-mużika japprezzaw ħafna aktar dan il-ġeneru mużikali. Fil-fatt, kien ħajjar lill-Kumitat tal-Każin tal-Banda San Gejtanu biex jikri *box* fir-*Radio City,* il-Ħamrun ħalli l-istudenti tal-banda jkollhom l-opportunità jattendu għar-rappreżentazzjonijiet operistiċi li kienu jittellgħu dak iż-żmien.

L-isem ta' Joseph Abela Scolaro huwa marbut l-aktar mal-Ħamrun fejn għamel snin jgħix u fejn anki triq imsemmija għalih insibu. Huwa kien miżżewweġ lil Margaret *née* Cilia, mill-Belt, li kienet tinkoraġġih tant li kienet takkumpanjah kull fejn kien imur. Kellhom żewġ ulied, Lino u Anna, imma ħadd minnhom ma kompla fejn ħalla missierhom. Fil-fatt, il-mużika ta' Abela Scolaro hija mxerrda fil-każini tal-baned fejn kien Surmast Direttur kif ukoll fl-Arkivji Mużikali tal-Katidral tal-Imdina.

# Olivia

***Novella ta' Lina Brockdorff***



Kelli aktarx dawk il-ħames snin meta ommi wasslitni l-iskola l-ewwel darba għax, ħamsin sena ilu, tfal iżgħar minn daqshekk ma kinux imorru skola. Kont imbeżża' ħafna mill-ewwel jum għax ma kontx naf x'ser insib ma' wiċċi. Li kont naf żgur kien li ommi ma kinitx ser tkun ħdejja. Donnha qalbi ħebritni li ser insib xi saram.

Kont tifla kwieta, edukata u nadifa tazza, madankollu, kelli waħda kontrija; kont imbaċċa ġmieli; mhux li ssejjaħli ħoxna imma, insomma, it-tfal l-oħrajn kienu irqaq u isbaħ minni. Ommi kienet tiggustani b'dik is-sura għax kont replika ta' figuritha u, allura, erħilha tirrepeti li t-tfal hekk ħelwin, meta jkunu mibrumin u mela qishom morda! Qatt, sa dak iż-żmien, ma semmietli li jkun jaqbel jekk nipprova nagħmel id-dieta u nwarrab iċ-ċejċiet u ċ-ċikkulata li minnhom kont niekol kemm irrid.

L-għalliema tbissmitli u ferħet bija waqt li wrietni post fejn kelli npoġġi bilqiegħda. Imbagħad, bdiet tistaqsini x'jisimni, fejn noqgħod u x'naf jien biex, bħal speċi, inħossni xi ftit familjari magħha. Kien bank tal-injam fl-ewwel filliera li jesa' żewġ studenti. Madankollu, bqajt fih waħdi l-jum kollu. Ma nistax ngħid li ddejjaqt f'dawk il-ftit sigħat li domt l-iskola u, wara kollox, iddeċidejt li ser inkun għal qalbi hemm.

B'xorti ħażina, l-istorja nbidlet fit-tieni jum. L-għalliema bagħtitni fl-aħħar bank li kien vojt minħabba li daħlu tfal oħrajn ġodda li marru fl-ewwel bank. Hemmhekk kont waħdi wkoll sa ma daħal tifel ġdid, jismu Edward. Dan kien itwal mill-istudenti l-oħra; twil u rqiq. Barra minn hekk, kellu nuċċali b'lentijiet ħoxnin fi frejm iswed li kien iżomm f'nofs imnieħru u li tant kien jagħtih dehra stramba. Xejn ma ħadt gost meta l-għalliema qaltlu biex ipoġġi ħdejja għax, minħabba li kien twil, ma kienx possibbli li tpoġġih fl-ewwel bank u, b'hekk, sab postu maġenbi. Ma nafx għaliex imma ma ħadtx grazzja miegħu!

Għal ftit minuti, ma qlajtx għajnejja minn fuqu sa ma, bil-herra, qalli: "X'int tħares? Jaqaw qatt ma rajt tifel?" Tant ħasadni li nfexxejt nibki waqt li l-għalliema riedet taf mingħandu għaliex kont qed nibki.

"Kif tridni nkun naf?" weġibha bil-goff. L-għalliema qatgħet qalbha u ma staqsiet xejn aktar u jien ma domtx nibki. B'xorti ħażina, dan kien il-bidu ta' relazzjoni stramba li, fiha, qatt m'għedna kelma waħda lil xulxin tul il-kumplament tas-sena skolastika. Erħilna nħarsu bl-ikrah lejn xulxin u anki bdejna ninku lil xulxin, bħat-tfal żgħar li konna. Proprjament, hu beda meta, b'subgħajh ta' id waħda, għamel forma tonda ta' żero waqt li jħares lejja biex, bħal speċi, jgħidli li jien kont ħoxna u tonda, bħal żero. U, biex tgħaqad, irrealizzajt għall-ewwel darba f'ħajti li ismi wkoll kien jibda bl-ittra O, li wkoll qisu żero.

Għall-ewwel, iċċassajt imma ma xtaqtx nerġa' nibki għax ħadd mill-klassi ma kien jibki. Ma ridtx numilja ruħi quddiem l-għalliema u quddiem klassi tfal. Wara ftit, għamilt il-kuraġġ. Bis-swaba' ta' jdejja t-tnejn, għamilt żewġ forom ta' żero jien ukoll, kif għamel hu, bid-differenza li ressaqthom lejn xulxin quddiem għajnejja f'għamla tan-nuċċali tiegħu. Mill-ewwel ħadu l-messaġġ! Filwaqt li beda jitbissem,

reġa' għaqqad iż-żero b'id waħda u ħallieha tistrieħ fuq il-bank għal ħin twil. Bdejt nieħu għalija u, dak il-ħin stess, daħħaltha f'rasi li ma jistax ikun nibqa' ħoxna, qisni żero! Lil tad-dar m'għedtilhomx b'dawn il-kummiedji bejni u bejn Edward imma għamilt wegħda solenni miegħi nnifsi li ma kontx ser nibqa ħoxna.



Ommi ma damitx ma ndunat li naqqast mill-ikel u daħħlitha f'rasha li kont marida. Dritt bdew il-viżti tagħna għand tobba differenti li, għalxejn bdew jgħidulha li kont f'sikkti, għax baqgħet thewden u tara x'ser issajjar, basta tarani niekol, bħalma kont qabel! Fl-aħħar, ma flaħthiex iktar u għidtilha li xtaqt nonqos ftit minn dak il-piż. Bilkemm ma ħaditx għaliha, għax, fil-fatt, hi kienet forma ta' żero iktar perfett minni! Imma ommi kienet kuntenta b'figuritha u missieri qatt m'għaddha xi kumment dwar din il-ħaġa.

Jien u Edward bqajna bil-battalja tagħna sal-aħħar tas-sena tal-iskola meta d-dieta tiegħi kienet għadha ma bdietx turi r-riżultat mixtieq. Kellhom jgħaddu madwar erba' xhur biex nibda nara l-frott tas-sagrifiċċji tiegħi. Iva, il-qliezet twal u d-dbielet bdew jiġuni mlaħalħin waqt li l-miżien ukoll beda jserraħli moħħi. Issa nurih lil dak l-iċċassat, la nerġgħu niltaqgħu f'Settembru! Imma bqajt b'xiber imnieħer għax, meta rġajna lura l-iskola, Edward ma deherx! Jien komplejt bid-dieta stretta tant li, xi drabi, kont immur norqod kważi bla ma niekol xejn għax ommi qatgħet qalbha minni u missieri waqfilha biex ma tindaħallix iktar. Dakinhar, xtaqt inbusu lil missieri talli qabeż għalija imma, fil-familja tagħna, ma konniex imdorrijin inbusu lil xulxin, jekk mhux f'għeluq sninna.

Għaddew għoxrin sena li fihom spiċċajt l-iskola u sibt impjieg bħala segretarja ma' ditta lokali li taħdem basktijiet tal-ġilda. Kellna ħanut f'Għawdex ukoll u, darba, id-direttur tal-kumpanija xtaqni mmur s'hemm biex niċċekkja xi affarijiet. Kont inħobb immur Għawdex u, allura, xejn ma ddejjaqt b'dik il-biċċa xogħol. Irranġajt biex immur f'nofs il-ġimgħa u hekk għamilt. Imma, jaħasra għalija, inzertajt jum mgħajjeb, b'riħ grigal; insomma, temp li iktar iħajrek tibqa' ġewwa milli tmur Għawdex. M'hemmx x'tagħmel, soqt sal-vapur u, minkejja t-temp, ma kontx żgura kontx ser nitla' ma' dak il-vjaġġ bil-kwantitá ta' turisti li kien hemm qabli. Madankollu, irnexxieli għalkemm kont kważi l-aħħar karozza li għabba l-vapur.

Ngħid id-dritt, jien il-baħar imqalleb xejn ma jaqbel miegħi. F'kelma waħda, jien baħri tal-bnazzi. Għaldaqstant, sa ma tlajt fuq, bdejt nittama li nsib xi post bilqiegħda. Xħin dħalt fis-sala fejn ikun hemm il-passiġġieri, kważi qtajt qalbi għax kull mejda u kull siġġu kienu laħqu ttieħdu. Bqajt indur sa ma ndunajt li kien hemm mejda żgħira ta' tnejn min-nies li, madwarha, kien hemm biss passiġġier wieħed li tefa' l-kowt tiegħu fuq is-siġġu ta' quddiemu. Ġuvni simpatiku! Kellu radju żgħir li minnu kienet ħierga mużika *rock* pjuttost tgħajjat xi ftit iżżejjed filwaqt li, għalkemm il-vapur kien għadu marbut mal-moll, xorta waħda diġà kien qed jirrollja mhux ħażin; donnu ddakkar mit-temp tal mużika!

Il-ġuvni nduna li xtaqt inpoġġi bilqiegħda. Warrab il-kowt u poġġieh mad-dahar tas-siġġu tiegħu filwaqt li stedinni npoġġi. Irringrazzjajtu u poġġejt malajr, qabel nitlef il-bilanċ. Ftakart li, fil-basket, kelli gazzetta. Ħsibt li aħjar noħroġha u nagħmel tabirruħi qed naqraha għax dak l-imbierek ta' quddiemi beda jiċċassa lejja tant li beda jirritani. Kemm xtaqt ninżel minn fuq il-vapur u nħalli dik il-mawra s'Għawdex għal jum ieħor! Imma kont naf li ma jistax ikun. Bil-qalb it-tajba, kelli nissaporti bilqiegħda fejn kont waqt li l-baħar beda jiqliel.

Ħin minnhom, il-gazzetta żelqitli minn idi u spiċċat fl-art. Dak ta' quddiemi malajr ġabarha, newwilhieli u, "Ma naħsibx li ser jirnexxilek taqra wisq!" qalli.

"Grazzi!" għidtlu bil-fixla; "Sewwa qed tgħid; aktarx li ser niżfnu xi ftit sakemm naslu Għawdex!"

"Jaqaw ma tħobbx tiżfen?" reġa'.

"Olivia," għidtlu; "Olivia Xerri. Iva, inħobb niżfen imma mhux fuq il-baħar."

Sadattant, dak ta' quddiemi ċċassa jħares lejja qisu qed jara xi viżżjoni. Bdejt inħossni imbarazzata għall-aħħar. Tgħid għedtlu xi ħaġa barra minn lokha? Kellu nofs tbissima fuq fommu u, fil-pront, staqsieni: "Tgħidlix li int l-istess Olivia li kienu poġġewni fuq il-bank maġenbha meta kont għadni l-iskola!"

"U int, allura, min taħbat?" staqsejtu jien.

Ma weġibnix. Telaq ir-radju minn idu, ħallieh fuq il-mejda u, b'dik it-tbissima simpatika fuq fommu, bis-swaba' ta' jdejh it-tnejn, għamel żewġ forom ta' ċrieki u ressaqhom lejn xulxin quddiem għajnejh, kif kont nagħmillu jien biex ninkih. Kien ħeles minnu dak in-nuċċali! Tgħidx kemm dħakna u l-vjaġġ xejn ma rajtu twil! U l-baħar m'għamillix deni lanqas! U jien u Edward għadna ħbieb sal-lum stess.



# Ġamri

*Kitba ta' Vincent Piccinino*

Kien żmien meta kellna post żgħir tal-villeġġatura Wied il-Għajn. Fih, konna ninżlu qisu minn bejn nofs Ġunju sa nofs Settembru, biex ingawdu l-baħar fil-vaganzi tas-Sajf. Imma jien aktar kont nieħu pjaċir meta konna nqattgħu tmiem il-ġimgħa hemm kull meta kien jinzerta temp tajjeb fil-Ħarifa, fix-Xitwa jew fir-Rebbiegħa. L-għaxqa tiegħi kienu l-passiġġati qalb ir-raba ta' madwar it-Torri ta' San Luċjan. Kien hemmhekk li sirt naf lil Ġamri; bniedem umli u mingħajr ebda pretenzjonijiet. Mhux ta' xi skola għax gabillott kulma kien. Raġel sempliċi imma wieħed li tassew tieħu gost titkellem miegħu; kważi fuq kull suġġett. Meta rajtu l-ewwel darba, kien mehdi f'nitfa ta' għalqa, jonqox il-wiċċ tal-ħamrija biz-zappuna. Waqaft nistaqsih jekk it-trejqa li qbadt tinfidx jew le. L-għada, erġajt għaddejt minn hemm u rġajt rajtu. "Ma ntleftx, hux?" qalli.

"Le," weġibtu bi tbissima simili għal tiegħu; "inti spjegajtli tajjeb ħafna!"

"Minn deqshekk," qalli, "m'hawnx fejn tintilif!" Minn hemm 'il quddiem, bqajt nieqaf ħdejh u, waqt li ngħidu kelmtejn, kont noqgħod nosservah inaqqi l-ħaxix ħażin u jwarrbu f'munzell għalih taħt il-ħajt, jipprepara l-ħmiemel, jiżra, ixettel jew iħawwel skont iż-żmien li jkun, jieħu ħsieb l-erba' siġriet li kellu, isaqqi, jaqta' l-frott u l-ħaxix, jaqla' l-patata, idur għall-bebbux u mitt elf tentufa oħra. Qatt ma kont ninzertah ma jagħmel xejn. Dejjem kien isib xi ħaġa x'jagħmel f'dik id-daqsxejn ta' għalqa.

"Imm'ent mhux minn dan-naħet!" qalli, iktar qisu qed jagħmel stqarrija li fuqha kien lest jilgħab imħatra milli mistoqsija.

"Le," għidtlu, "jien mill-Belt. Għandna post tas-Sajf hawnhekk imma niġu fih kull meta nistgħu; biex naħarbu mill-istorbju tal-Belt, għall-mistrieħ u għall-kwiet."

"Eh, il-kwet m'hawnx isboħ minnew!" tniegħed Ġamri waqt li kompla jinki l-wiċċ xott tal-ħamrija b'daqqiet ħfief taz-zappuna; iktar qisu qed jitkellem waħdu milli miegħi. Imbagħad, wara ftit, staqsieni: "Allura? Ħreġt tagħmel passejn?"

"Dik kuljum," weġibtu; "kemm filgħodu kif ukoll filgħaxija; biex ma niġġammjax u għall-arja safja li għandkom f'dawn l-inħawi u li, bħalha, ma nsibx il-Belt żgur."

"Ix-xemx ma tkiddikx?" ried jaf il-gabillott.

"Ix-xemx, lili, timmeraviljani Ġam, mhux tkiddni!" kont xi ftit prużuntuż iżżejjed nirrispondih.

"F'liem' sens?" kemmex wiċċu Ġamri.

La lħaqt bżaqtha, issa ħtieġli nara kif ser naqbad nispjegalu mingħajr ma nidher li, b'xi mod, qiegħed nipprova nippatronizzah. "Għax ix-xemx hija ballun kbir ta' idroġenu; madwar tlieta u disgħin miljun mil 'il bogħod mid-dinja," bdejt biex ngħidlu. "Li tagħmel, biex tarmi dik is-sħana u dak id-dawl kollu, huwa li, fl-abbissi taċ-ċentru tagħha, tibdel l-idroġenu u tagħmlu ħielju b'rata fenominali kull sekonda. Li jimmeraviljani lili hu li x-xemx ilha tagħmel hekk għal dawn l-aħħar ħames biljun sena u, mhux talli għadha ma nħlietx wara dak iż-żmien kollu, imma talli fadlilha madwar ħames biljun sena oħra qabel taħli l-idroġenu kollu u tibda tintefa!"

Ġamri baqa' jħares lejja b'xeħta ta' wieħed li donnu ried jgħidli, u int, bħalek, kif taf dan kollu? "Mele n-natura mhix mistiru, jew?" kienet il-mistoqsija retorika ta' Ġamri. "Jien, in-natura tgħeġġibni għax, fiha, ma jinħila assolutament xejn." Hawnhekk ħassejt li l-gabillott kien fl-element tiegħu u, allura, tlaqtu jgħid. "Fin-natura hemm bilanċ perfett u, jekk ma nilagħbux magħha, aħna l-bnedmin, in-natura weħidha kapoċi tfejjeq lilha nfisha u killex jerġa' jiġġenera ruħu mill-ġdejd!" Issa, kien imiss lili li nibqa' nħares lejh skantat għax, ngħid is-sewwa, dak il-ħin, iktar ħassejtu jaffaxxinani hu milli n-natura. "Eh,"kompla Ġamri meta, bħal speċi, ra li kien qed jinteressani, "in-natura m'hawnx bħolha!" Dar lejja bħal donnu biex jara jekk kontx qed naqbel miegħu imma jien bqajt inħares lejh; iċċassat. "Inti ħu l-għajn tal-bniedem; u anki tal-annimuli, jekk niġu f'dan," issokta Ġamri, "mhux ħaġa tal-għaġeb oħra wkell dik? Jien, ġiet li kelli l-okkażjoni nara għajn ta' xi bhima. Jekk tifliha ftit, tirrealizza li l-għajn hija magħmula bess minn ftit ħjut irqaq ta' laħam, demm u xaħam imma, l-bqije, ilme, u xejn iżjed. U, minkejja dan, bihe nistgħu naraw dak killu li jinsab madworna; is-sama, il-baħar, is-siġar u l-fjuri, il-forom u l-kuluri. Għidli int! Mhux ħaġa tassew tal-għaġeb l-għajn tal-bniedem?"

"Sewwa qed tgħid;" għidtlu, wara mument ta' riflessjoni, "ikolli nammetti li qatt ma waqaft naħseb fuqha din."

"Għax l-oġġett, sakemm għadu għandek, qajla tapprezzoh." qalli Ġamri. "Meta titilfew, tintebaħ x'killek u xi tleft!"

Imbagħad, wara ftit, kompla, "Jiena ngħid li kulma ħoloq Alla huwa killu tal-għaġeb! Mhux hekk?"

"Kollu veru," weġibtu, "però, biex inkunu għidna kollox, anki l-bniedem irnexxielu jagħmel affarijiet meraviljużi wkoll!"

"U l-bniedem min ħolqu?" qabeż fil-pront Ġamri.

"U iva; veru wkoll," kelli nammetti, "imma, pereżempju, int ħu l-ajruplan! Jien, avolja naf kif jaħdem, kull darba li nirkbu, dejjem nibqa' mistagħġeb kif ċappa metall, itqal mill-arja, b'xi mitejn passiġġier abbord u b'dawk il-bagalji kollha tagħhom fuqu, jirnexxilu jitla' hemm fuq, itir u ma jaqax! Għidli int jekk l-ajruplan hux meravilja oħra li ħarġet minn moħħ il-bniedem!"

"Hekk hu," qabel miegħi Ġamri, "imma, tinsiex; kif għidtlek, il-bniedem huwa wkell ħolqien t'Alla u, jiena nemmen li, kulma għamel Alla, huwa, fil-fatt, meraviljuż u tal-għaġeb! Alla kien jof x'inhu jogħmel meta ħoloq id-dinja u kulma fihe!" reġa' tniegħed il-gabillott.

Iktar biex nara x'kien ser jgħidli milli biex, b'xi mod, nipprova nimbxu, fettilli ngħidlu: "Tgħid Alla jeżisti, Ġam?"

"Eh," weġibni Ġamri bl-akbar serjetà, "dok il-Bambin bess jof!"



# Toninu u t-*typewriter*

*Novella ta' Anthony Said minn Floriana*

Dakinhar li, lil Toninu Said, ġabulu t-*typewriter* tal-elettriku, kien jum ta' ferħ kbir għan-neguzjant iż-żgħir. Kemm kien ilu li laħaq accountant, missieru kien tah promozzjoni u, minflok fil-ħanut, beda jaħdem fl-uffiċju. Bħala *manager*, Toni kellu ħafna aktar xogħol għax spiċċa jagħmilha ta' *factotum*; jieħu ħsieb il-korrispondenza, iwieġeb it-telefon, jieħu l-ordnijiet, iħallas lill-fornituri u jiġri wara l-klijenti biex iħallsu. Dan, u aktar, Toni kien jagħmlu waqt li kellu wkoll jieħu ħsieb il-kontijiet tan-negozju; kollox, jew bl-idejn jew bl-għajnuna ta' biċċa *calculator* tal-batterija!

"Issa qis li tibża' għaliha din it-*typewriter* għax tiswa aktar minnek!" wissieh missieru. "Għandek ktejjeb biex jurik kif tħaddimha u, jekk jinqala' xi ħaġa, hawn in-numru tat-*telephone* ta' mnejn xtrajtha u ċempel lilhom. Ara ma tmurx tbagħbas xi ħaġa jew tiżżattat, kif ġieli għamilt, għax b'rasek idur!"

Toni tant kien ferħan, qisu tifel li għadu kif qala' l-ġugarell li kien ilu jistenna, li bilkemm sama' dak li qallu missieru.



"Int qed tismagħni jew? Qisek skantat!" għajjat Said il-kbir. "Din mhix ħaġa tal-logħob, smajt? Tinsiex; jekk ma ssibx irkaptu jew jinqala' xi ħaġa, ċempel lill-aġent. U dik x'ilbist hemm, illum? Ingravata ta' buffu?! Taf tagħżilhom ukoll!"

Toni mill-ewwel intasab jaħdem fuqha imma, għalkemm issa kellu apparat tal-aħħar teknoloġija, ma tistax tgħid li x-xogħol bit-*typewriter* tħaffef għax Toni qatt ma tgħallem juża t-tastiera b'mod professjonali.

"Kif sejjer bit-*typewriter* il-ġdida Ton?" qallu sieħbu Andrew fuq it-*telephone* jum wieħed.

"Ma nistax inkun aħjar, Dru," wieġeb Toni kollu ftaħir. "Tgħidx kemm titkeb pulit u l-ittri joħorġu b'dehra aktar professjonali."

"Mela, jekk ikollok xi ħsara, ara kif jieqaf ix-xogħol, eh?" qagħad jinkih sieħbu.

"Jekk tieqaf, niġġennen u nibda nagħti fuq wiċċi!" qallu Toni li ma ndunax li Andrew kien qed jgħaddih passata.

"U toqgħod tagħti xejn fuq wiċċek, Ton," qallu l-ieħor b'aktar żufjett. "Fil-każ, tinkwieta xejn għax niġi s'hemm u noqgħod intik jien!"

Kien hemm ukoll xi klijenti li ma kinux impressjonati bl-apparat il-ġdid għax Toninu tant kien qed jieħu pjaċir jikteb l-ittri li beda jibgħat ir-*reminders* lil dawk kollha li kienu waqgħu lura fil-ħlas.

"Issa ser toqgħod tibgħatli l-ittri bit-trompajter, Said?" qaltlu Ġorġja ta' Ħal-Qormi li kienet iddum sew biex tħallas u dejjem tiġġebbed. "X'nirfinaw!"

"Ajma ħej! Mela lesti ruħek għal koċċ spejjeż!" qallu kuġinuh Raymond li kien jgħir mhux ftit għal Toni.

"Dawk ħadd m'hawn min isewwiehom u, jekk tinqalalek xi ħsara, triq tħallas il-belli liri biex jirranġawlek."

Minkejja dan kollu, Toni xorta kien kuntent u kburi bl-apparat il-ġdid. Imma, jum wieħed, inqala' saram. Kien qed jikteb rapport li talbu jagħmillu missieru meta, f'ħin minnhom, il-karta bdiet tqarmeċ u weħlet fir-romblu. Għall-ewwel, Toni baqa' mbellah. Kienet ilha għandu xahrejn biss u diġà bil-ħsara? Ipprova jdawwar ir-romblu b'idejh, jagħfas it-tastiera u jittawwal ġol-ġewwieni imma ma setax jaqbad tarf. Qabad il-karta mwaħħla u pprova jiġbidha 'l barra imma din iċċartet u biċċa ġiet f'idu waqt li l-kumplamant baqa' mwaħħal fit-*typewriter*. Toni kien ser jibda jara minn fejn ser jiftaħha imma ftakar fit-twissija ta' missieru u, minflok, fittex in-numru tal-aġent u ċempillu. Dam aktar minn kwarta jipprova imma ħadd ma wieġeb u kien sejjer jgħid lil missieru imma ftakar li kien ħareġ.

"M'hemmx, x'tagħmel; nistenna," qal Toni bejnu u bejn ruħu imma kellu premura biex ilesti r-rapport. Għalhekk, poġġa quddiem it-*typewriter* u beda jifliha u jmiss 'l hawn u 'l hinn. Kien hemm żewġ buttuni; waħda fuq kull naħa tal-kuperċ li kien jgħatti l-imrietel tal-ittri. Għafas waħda. Ma ġara xejn. Għafas l-oħra u reġa' ma ġara xejn. Għafashom it-tnejn f'daqqa u l-kuperċ tar minn postu. Il-gażiba kienet li Toni kien qrib wisq u l-għatu, li kien tal-ħadid fondut, tar dritt għal fuq geddumu. Il-ġuvnott inħasad, intefa' lura u ħabat l-iskutella ta' rasu mal-ħajt.

"Ajma rasi!" waħwaħ Toninu bit-tisbita li ħa. Imma dan ma kienx biżżejjed għax il-kuperċ iżżerżaq minn fuq l-iskrivanija u waqa' fuq siequ l-leminija.

"Ajma saqajja!" reġa' werżaq b'leħen aktar għoli l-imsejken Toni hekk kif bid-daqqa fuq il-pala ta' siequ beda jħoss is-swaba qishom riedu jinqalgħu minn posthom. Refa' siequ, qala' ż-żarbuna u beda jogħrok subajh sakemm id-damdim ittaffa xi ftit. Toninu kien irrabjat. Telegħtlu fawra u kellu jħoll l-ingravata u l-għonq tal-qmis għax ma setax jieħu nifs. Dak il-ħin, ċempel t-*telephone*.

"Min?" għajjat Toni bl-ħerra.

"Xi ġralek Ton? Ikkalma xbin, kif ħtaftni!" qallu Kevin, ħabib ieħor. "Għandek xi nkwiet? Issa, li għandek *typewriter* ġdida, suppost kollox fuq ir-rubini miexi, le?"

Donnu kien jaf b'xi ħaġa dan, ħaseb Toni bejnu u bejn ruħu. "Le, għax, bħalissa, għandi ħafna x'nagħmel," gideb il-*manager*.

"U iva, b'dak l-apparat il-ġdid, kollox tlesti malajr, mhux hekk?" qallu Kevin li kien xaba' jisma' dwar l-avvanz teknoloġiku li għamlu ta' Said. Toni kien iddisprat. Kien diġà ħa kedda u ma solva xejn. Għalhekk, kif spiċċat il-konversazzjoni ma sieħbu, reġa' dar fuq il-magna. Qam minn fuq is-siġġu u dar mal-ġenb. Ra li l-karta kienet qed twaħħal kollox imma ma setax jifhem kif kien ser joħroġha minn taħt ir-romblu.

Għal darb'oħra, ipprova jsolvi l-problema billi beda jċaqlaq xi affarijiet. Kien hemm lieva żgħira u, kif għafasha, ir-romblu beda miexi waħdu lejn naħa. Toni tbissem għax ħaseb li sab soluzzjoni imma r-romblu fis reġa' lura bis-saħħa u ħabat ma ġbinu. Għal ftit ħin, Toninu baqa ċass jara l-istilel u, imbagħad, tkaxkar mal-ħajt u spiċċa bil-qiegħda fl-art; jingħi, igedwed kliem bla sens u jbandal rasu. Dam żewġ minuti sejjer hekk sakemm iż-żarżir tat-*telephone* ħasdu u ġabu f'tiegħu. Tkaxkar għal fuq siġġu imma, sakemm wasal, min kien ċempel xaba' jistenna u qata'.

"Kemm ġietni ħażina llum," gemgem il-*manager* li kien għadu kemxejn stordut. Fejn l-apparat, kien hemm il-ktejjeb tal-istruzzjonijiet. Fetħu. Fit-tieni paġna, kien hemm taqsima u, kif qraha, sab li l-ewwel ħaġa li riedet issir jekk ikun hemm xi intopp kienet li titfi l-apparat u tixegħlu wara minuta. Toni hekk għamel u, bi stagħġib kbir tiegħu, ir-romblu reġa' ġie f'postu, dar darbtejn u l-karta ħarġet waħedha. Toninu baqa' jħares ċass qisu qed jara l-għeġubijiet imma ftakar li kellu rapport xi jlesti. Induna wkoll li, kieku, flok qagħad joqgħod jiżżattat, sema' minn missieru, kien jiswielu aħjar. Filgħaxija, meta ġie lura missieru u tah ir-rapport, induna li fuq ġbinu, kellu ġundalla ġmielha. "Hemm xi ġralek, Ton?" staqsieh.

"Xejn, Pa. Jien u ħiereġ, ħbatt rasi mal-bieb; dak kollox!" wieġeb Toni mingħajr ma qagħad jelabora żżejjed.



# Jum fil-ħajja tal-Ispettur Twanny Brincat tas-*CID*



***Kitba ta' Anthony J. Saliba minn San Pawl il-Baħar***

Twanny Brincat dejjem imħabbat. Mhux biss għax huwa Spettur imma wkoll għax ilu stazzjonat fid-Dipartiment tal-Investigazzjoni Kriminali iżjed minn għaxar snin. Ftit għandu ħin għalih innifsu jew biex iqattgħu mal-familja. Għat-tmienja ta' filgħodu, jiġi għalih ix-xufier bil-karozza tas-*CID* u, meta, darba kultant jirnexxilu, iwasslu lura d-dar għal xi s-siegħa jew is-sagħtejn ta' waranofsinhar. M'għandux ħinijiet stabbli, speċjalment meta jinqabad il-Qorti għax, hemmhekk, xħin tidħol taf imma xħin toħrog ma tafx. Id-dar, jiekol xi ħaġa, jistrieħ ftit u, f'xi t-tlieta u nofs ta' waranofsinhar, il-mara tqajmu b'kikkra kafè sa ma jsir il-ħin biex jerġgħu jiġu għalih tax-xogħol għall-ħabta tal-erbgħa. Ġieli lanqas jilħaq jara t-tfal ġejjin lura mill-iskola jew mill-privat. U, meta jarahom, ikun biss għal ftit tal-ħin għax malajr tinstema' l-qanpiena tal-bieb. Suppost li, nhar ta' Ħadd, ikun bil-frank imma dan ma jiġrix kull ġimgħa għax daqqa minħabba r-*roster*, u daqqa minħabba li jinqala' xi każ skabruż jew urġenti, u daqqa għax iridu l-Maġistrat Inkwerenti fuq xi inkjesta; tista' tgħid li ruħ l-Ispettur tas-*CID* hija mibjugħha lill-Korp.

Il-ġurnata tax-xogħol tiegħu suppost tispiċċa mat-tmienja ta' filgħaxija imma tkun ħaġa tassew rari meta l-affarijiet jiġu hekk. Biex ipatti ftit għax-xogħol żejjed li jaħdem, l-Ispettur għandu l-linja tat-telefon tad-dar imħallsa mill-Korp. Barra minn hekk, jirċievi *allowance* fix-xahar imma din trid tagħmel tajjeb anki għall-ispejjeż tal-ħwejjeġ pajżana li juża ta' kuljum. L-uniformi, l-Ispettur Brincat, iħalliha biss għal quddiem il-Qorti jew għal xi parata. Għax l-Ispettur huwa raġel twil u sabiħ u l-uniformi tgħidx kemm tixraqlu u, biex tkompli tagħqad, minn dejjem dilettant tal-parati.

L-esperjenza li l-Ispettur Brincat akkwista fis-snin li ilu jaħdem fid-Dipartiment tal-Investigazzjoni Kriminali swietlu biex jista' jiffaċċja kwalunkwe reat kriminali li jiġi għal wiċċu, bħal serq, frodi, omiċidji, kutrabandu u x'naf jien. Għall-Ispettur tas-*CID*, hija ħaġa normali li hu, u n-nies tiegħu, ikunu qed jaħdmu fuq iktar minn investigazzjoni waħda fl-istess ħin. Minkejja kollox, l-Ispettur Brincat huwa kuntent fuq ix-xogħol. Iktar ma jkun mitluf fuq xi biċċa investigazzjoni kkumplikata iktar ikun għal qalbu u dejjem jagħmel l-almu tiegħu kollu biex isolvi kull każ li jiġi quddiemu.



Bħalissa, fuq id-*desk* tiegħu għandu xejn inqas minn ħames *files* ħoxnin mhux ħażin. Wieħed mill-każijiet għadu kemm ġie solvut m'ilux. Kien każ li jinvolvi l-użu illegali tal-lampik. Xi ħadd, li ma riedx juri ismu, ċempel id-*Depot* u qal li, dan l-aħħar, qrib fejn joqgħod, qed ixomm riħa mhux tas-soltu. Mhux l-ewwel darba li l-Pulizija tirċievi lmenti bħal dawn u lanqas hija l-ewwel darba li każ bħal dan jispiċċa biex jisfuma fix-xejn. Jista' jkun li tkun qed tinkiser xi liġi u jista' jkun li le. Imma, ladarba jkun sar rapport, sa fejn tista', il-Pulizija dejjem tipprova ssegwieh. L-ispettur bagħat is-Surġent biex jitkixxef u jara x'jirriżultalu. Meta s-Surġent wasal fil-post indikat, mill-movimenti li osserva u mill-irwejjaħ li xamm, seta' jobsor x'kien qed isir. Ċempel malajr lill-Ispettur u talbu jibgħatlu r-rinforzi. Xħin waslu, iċċirkondaw il-post daħlu f'razzett u baqgħu sejrin fuq in-naħa ta' wara tal-għalqa. Hemmhekk, ġo għar fil-blat, sabu żewġt irġiel iħaddmu lampik. Il-Pulizija qrawlhom id-drittijiet tagħhom, arrestawhom u kkonfiskaw dak kollu relatat ma' dik l-attività illegali. Kulma jonqos issa huwa li l-akkużati jitressqu quddiem il-Qorti u jieħdu li ħaqqhom.

Każ interessanti ieħor, li wkoll wasal biex ikun iffinalizzat, huwa dwar sensiela ta' serqiet minn vilel u djar privati fl-inħawi ta' San Ġiljan, is-Swieqi, Pembroke u l-Madliena. B'mod mill-aktar metikoluż, il-Pulizija tiġbor it-tagħrif kollu li jista' jwassalha biex taqbad il-ħalliel jew ħallelin. Tmur fuq il-post; tara jekk hemmx sgass; tistabbilixxi minn fejn ikunu daħlu; titkellem mas-sidien tal-postijiet misruqa; tagħmel lista estensiva ta' kulma nsteraq flimkien ma' lista oħra ta' kull min għandu aċċess għall-post, min għandu ċ-ċavetta, min jista' jidħol f'dik id-dar, sefturi, ġardinara, *plumbers, electricians* u bajjada; ma teskludi xejn u lil ħadd minn dan ix-xogħol, barra milli l-Pulizija nnutat ċertu *pattern*. Ftit ftit, beda joħroġ isem komuni ta' ċertu mastrudaxxa li ħadem f'bosta minn dawn il-postijiet. Iffukaw fuqu, bdew jaraw xi stil ta' ħajja jgħix, x'għandu u x'm'għandux, eċċetra. Is-suspett malajr waqa' fuqu, Ġabu mandat, marrulu d-dar għall-għarrieda u, wara tfittxija bir-reqqa ma' kullimkien, inkluż fil-*garage* u fil-*workshop*, sabu ħafna mill-affarijiet irrapurtati neqsin.

Il-Pulizija mdorrijin b'każijiet strambi jew kurjużi. Ftit ilu, raħħal irraporta li xi ħadd mhux magħruf seraqlu sitt iħnieżer. M'hemmx x'tagħmel! Meta tkun fiż-żarbun tal-Ispettur Brincat, ikollok issir tifhem f'kollox. L-Ispettur bagħat tnejn minn nies tiegħu fir-razzett tar-raħħal ħalli jistabbilixxu sewwa x'inhi l-biċċa. Fost kollox, il-Pulizija staqsew lir-raħħal jekk hemmx xi mod kif jista' jagħraf il-ħnieżer tiegħu kieku kellu jarahom. Ir-raħħal aċċertahom li iva.

Spjegalhom li dawn dejjem jiġġieldu bejniethom u, allura, mhix ħaġa tal-għaġeb li wieħed minnhom b'widna waħda; ieħor b'widna minnhom nofsha mikula; ieħor mingħajr denb; wieħed b'għajnu l-leminija magħluqa għalkollox; wieħed għandu tebgħa skura wara għajnu x-xellugija u wieħed izappap għax għandu waħda mis-saqajn ta' wara iqsar mill-oħra. L-Ispettur Brincat għadda dan it-tagħrif lid-Direttur tal-Biedja u talbu biex, jekk, waqt li jkunu qed jagħmlu l-ispezzjonijiet, jinnuttaw xi waħda, jew aktar, minn dawn il-karatteristiċi, jgħarrfuh minnufiħ. U hekk ġara għax lanqas laħqu għaddew ġimgħatejn li d-Direttur ma ċempillux u għaddielu t-tagħrif kollu li ried.

"Trid tidħaq waħda, *Sir?*" staqsieh is-Surġent.

"Għandi bżonn kieku!" tniehed l-Ispettur. "Jekk għandix ħin, ma nafx!"

"Dak il-Kuntistabbli l-ġdid li bagħtulna staqsieni jekk issa rridux intellgħu l-ħnieżer quddiem il-Qorti bħala evidenza!"

"M'għidtlux li m'hemmx għalfejn għax ir-ritratti li ħa l-fotografu tagħna huma biżżejjed? Ħeqq, dak irid jitgħallem ukoll, miskin!"

Każ kurjuż ieħor jirrigwarda karozza li ġiet lura minn barra. Wieħed siefer bil-karozza privata tiegħu u, meta ġie lura, għalkemm il-vettura li ġie biha hija tal-istess tip, l-istess lewn u bl-istess pjanċa tar-reġistrazzjoni, Uffiċjal tad-Dwana daħallu suspett li mhijiex l-istess waħda li kien siefer biha. L-Ispettur Brincat niżel id-dwana flimkien ma' tnejn minn nies tiegħu esperti f'dan il-qasam u staqsew l-Uffiċjal involut x'ġiegħlu jaħseb hekk. Lanqas kien jaf jgħidilhom eżatt għaliex ġih dak is-suspett; spjegah bħala *gut feeling*. Imma, forsi, dak li għajnu l-iktar li għorkitu għalih kien li, għal karozza li kienet ilha fit-triq għal għadd ta' snin, donnu li l-i*spray* huwa iktar ġdid milli wieħed jistenna.



Il-Pulizija għamlet tfittxija akkurata mal-karozza kollha, minn taħt u minn fuq u minn barra u minn ġewwa imma ma rriżultalha xejn. Tkellmu ma' sid il-karozza u staqsewh jekk, meta kien barra, kellux xi inċident jew jekk kienx sprejja l-karozza mill-ġdid. Huwa qal li le. Qalilhom biss li, meta kien il-Ġermanja, daħħal il-karozza għal *service* kif ukoll għal tindifa tajba minn ġewwa u minn barra. Staqsewh jekk għandux xi dokumenti jew irċevuti li jissostanzjaw dan u hu għaddihomlhom. Staqsewh ukoll jekk, meta kien barra, kienx, b'xi mod, avviċinat minn xi ħadd biex jagħmillu xi pjaċir jew biex jaqdih f'xi ħaġa imma huwa baqa' dejjem iwieġeb fin-negattiv. *Tramite* l-*Interpol,* il-Pulizija Maltija kkuntattjat il-Pulizija Ġermaniża, tathom id-dettalji kollha meħtieġa u talbithom jgħidulha jekk għandhomx xi suspetti ta' irregolaritajiet minn dak il-lat. Sadattant, sid il-karozza qed jinsisti bil-qawwa kollha biex jew jirrilaxxawhielu jew jipprovdulu waħda tal-kiri. Dawn huma każi delikati. Mhux l-ewwel darba li, b'dan il-mod, iddaħħlu f'Malta ammonti sostanzjali ta' flus kontanti, jew sustanzi illeċiti jew oġġetti prezzjużi moħbijin f'partijiet ta' vettura fejn lanqas biss jgħaddilek minn moħħok tfittex u, qabel ma tkun arċi ċerta li ma twettqet ebda irregolarità, il-Pulizija ma tkunx f'pożizzjoni tawtorizza r-rilaxx tal-vettura involuta.

Imma l-iktar każ pjetuż li għandu quddiemu bħalissa l-Ispettur Brincat huwa dak ta' tfajla ta' tlettax-il sena irrapurtata nieqsa minn Dar tas-Sorijiet li jieħdu ħsieb tfajliet abbandunati. Akkumpanjat minn surġent mara, l-Ispettur Brincat mar fid-dar fejn kienet tgħix it-tfajla u tkellem ma' kull min kien jafha; kemm mas-sorijiet kif ukoll ma' sħab it-tfajla, ħalli jara x'dettalji jista' jikseb li jistgħu jgħinuh isolvi l-każ. Ġabar ritratt reċenti tat-tfajla flimkien ma' dettalji ta' x'jisimha u x'kienet liebsa l-aħħar u dan it-tagħrif tefgħu fuq il-*media* soċjali bit-tama li xi membru tal-pubbliku jirraporta li lemaħ lil xi ħadd xi mkien li jixbah lil din it-tfajla. Il-każ huwa pjetuż mhux biss għax jinvolvi tfajla vulnerabbli ta' età żgħira imma wkoll għax, ħafna drabi, f'każijiet bħal dawn, il-Pulizija lanqas tkun ċerta jekk it-tfajla telqitx mid-dar minn jeddha, jew jekk kinitx maħtufa minn xi ħadd jew, saħansitra, jekk marritx xi mkien u ġralha xi ħaġa u teħtieġ l-għajnuna. Iktar uġiegħ ta' ras għall-Ispettur Brincat u n-nies tiegħu. Imma m'hemmx x'tagħmel! Qabel jidħol xi ħjiel, ċkejken kemm hu ċkejken, qajla hemm x'jista' jsir aktar. Is-suċċess tax-xogħol tal-Pulizija jiddependi ħafna mit-tagħrif li jiġi minn naħa tal-pubbliku, Sfortunatament, kultant, xi wħud joqogħdu lura milli jgħaddu xi informazzjoni lill-Pulizija, forsi, għax jaħsbu li mhijiex importanti. Imma, ħafna drabi, lanqas qatt tobsor x'jista' jgħin lill-Pulizija ssolvi każ.

F'xi ħin, filgħaxija, wara ġurnata xogħol, l-Ispettur Brincat imur lura d-dar, jiekol xi ħaġa, jintefa' fuq is-sufan maġenb il-mara quddiem it-*television* u, qabel jibda jogħnos, waqt li jħares lejn l-*iscreen*, joqgħod jaħseb fuq id-dettalji tal-każi fil-*files* fuq l-iskrivanija fl-uffiċju tiegħu. Meta ma jkunx jaf x'qed jara iżjed u wara li l-mara tkun ilha tiffittah biex jidħol fis-sodda, Twanny Brincat ma jsib ebda diffikultà biex jorqod fil-fond. Għax huwa konvint li dmiru jagħmlu, jagħmlu tajjeb u jagħmlu dejjem. Jagħmlu biex, kemm jista' jkun, jeħles is-soċjetà minn għadd ta' kriminali bla ruħ, bla qalb, bla kuxjenza u mingħajr skrupli. Jagħmlu ħalli aħna, iċ-ċittadini onesti li nosservaw il-liġijiet, inkunu nistgħu norqdu iktar b'rasna mistrieħa.





# TISLIBA Nru.118

**Minn Albert Howard Madiona**

**Mimdudin:**

1. Annimal felin domestiku (6)
5. Taħlita ta' qatran u ramel (6)
10. Nemla Ingliża din (3)
12. Borma mħawda din? (5)
14. Kull mekkaniżmu li jħaddem (5)
15. Annimal tal-baħar li mal-mess jaħarqu (4)
16. Newwel; Qassam (2)
17. Nieqes minn imġieba tajba (5)
19. Insetti zgħar li jgħammru fi qtajja taħt l-art (5)
22. Xogħol li waqa' b'lura (8)
24. ....Baba (3)
25. Qatgħa ħbieb (6)
28. Issopona; Induna (5)
31. Isem ta' raġel magħruf bħala ...ta' l-Għarb ġewwa Għawdex (5)
33. Għandu pil fin (7)
35. Patri mħawwad (5)
37. *United Nations* (1.1)
38. Moħħu hemm; Qed isegwi (6)
39. Biżbetika; Żorra (5)

**Weqfin:**

2. Isem tal-ewwel President ta' Malta (5)
3. Tramm Ingliż! (4)
4. Libsa sewda li jilbes qassis (7)
6. Ħabta (5)
7. Kunjom Malti ta' Salvinu! (6)
8. Aktar minn żarbun wieħed (6)
9. Waħda mill-erba' rkejjen fi grawnd (6)
11. Lewża Ingliża din (3)
13. Tfaqqigħ tal-idejn b'sinjal ta' ferħ (7)
18. Massaġġar; Tiċpis (4)
20. Temp ikraħ (7)
21. Nofs elieġa (3)
23. Hekk hu; Verament (9)
26. Il-lampa tas-saħħar....! (6)
27. Biċċa għamara b'żewġ bibien (6)
29 Mwaqqa'; Distrutt (6)
30. Żagħżugħ (6)
32. Trasparenti; Mhux skur (3)
34. Irrabjat; Fastidjat (5)
36. Frott iswed bnin (3)

Premju: It-tislibiet tajbin li nirċievu bil-posta, sal-ewwel xahar minn meta joħroġ il-fuljett, jittellgħu bil-polza biex jingħata premju ta' €10.
Il-Premju għat-tisliba numru 117 intrebaħ mis-Sinjura Josette Gatt, Paola, Prosit!

---

Soluzzjoni tat-tisliba tal-ħarġa numru 117

**Mimdudin:** 1. stabat, 5. spanja, 10. rio, 12. awtur, 14. ommok, 15. sala, 16. pb, 17. ittri, 19. isqof, 22. narratur, 24. ira, 25. serraħ, 28. msida, 31. frank, 33. kartell, 35. arani, 37. in, 38. arzell u 39. arblu.
**Weqfin:** 2. troll, 3. biro, 4. tromba, 6. patri, 7. abolit, 8. klassi, 9. sakkar, 11. imp, 13. rettur, 18. sfar, 20. qieraħa, 21. orr, 23. ammiratur, 26. ħabsin, 27. arkati, 29. alleati, 30. tfajla, 32 kia, 34. ellul, u 36. Nil.



# Żbalji postali
# Sensiela mal-Gozo Philatelic Society

***Kitba ta' Antoine Vassallo***

**Taħlita minn hawn u minn hemm**






Nibda bir-Rumanija. Fl-1964, ħarġu sett biex jinkoraġġixxu t-turiżmu qalb il-muntanji. Imma l-bolla b'xena minn Poiana Brașov ma tantx tagħmillek kuraġġ għax Angela Ionescu, disinjatriċi popolari, wriet kabina waħda biss! Biex tagħqad, b'lenti nintebħu li hemm xi ħaġa nieqsa fl-apparat; il-kanna tas-sigurtà jew ilqugħ biex l-iskijaturi telgħin lejn il-quċċata ma jaqgħux għal isfel minn fuq il-funikular. Mid-dehra, dawn id-difetti ma tantx irriflettew ħażin għax dawn l-inħawi, illum, huma magħdudin bħala l-ikbar attrazzjoni sportiva ta' lussu fil-pajjiż, madwar il-muntanja Postăvarul.




Immur lura fiż-żmien u nibdel il-kontinent għax ser inħares lejn bolla Amerikana mill-bosta li turi lil *George Washington*; persunaġġ mill-aqwa għalihom. Hawn għandna żball tal-istampar (bla ħtija) ta' CA Huston li adatta xbiha magħrufa tal-iskultur Franċiż, Jean-Antoine Houdon, minn tmiem is-seklu tmintax. Il-problema kienet li, fl-1917, waqt li kienu qed jippreparaw il-folja taż-żewġ ċenteżmi, intebħu li xi wħud kienu difettużi (dak iż-żmien, kollox kien isir manwalment) u, bil-fixla, bidluhom ma' tal-ħames ċenteżmi. L-iżball baqa' jidher għax, sintendi, il-folja kollha ngħatat il-kulur ħamrani (taż-żewġ ċenteżmi) mentri l-bolol tal-ħames ċenteżmi huma koħol. U lanqas għandna ngħajruhom ukoll għax, dak iż-żmien, il-ħaddiema kienu mgħobbijin bix-xogħol minħabba l-gwerra.







Nibqa' fil-kontinent Amerikan u nżur il-gżira ta' *Saint Lucia*. Fost ix-xeni magħżula fl-1936, għas-sett definittiv ta' żmien ir-Re Ġorġ V, insibu l-pjazza prinċipali, bil-katidral u l-biblijoteka, fil-kapitali, *Castries*. Imma, fuq il-bolla, l-isem tal-pjazza kitbuh *Colombus* minflok *Columbus*, kif suppost. Ħadu l-okkażjoni biex jikkorreġuha meta nħareġ sett ġdid sentejn wara taħt ir-Re Ġorġ VI. Fl-1993, semmewha għal *Sir Derek Alton Walcott*, poeta u drammaturgu lokali li kien għadu kemm rebaħ il-Premju Nobel għal-Letteratura.







Nibqgħu fil-Karibew u mmissu l-gżejjer *Saint Vincent* (formalment *St Vincent & the Grenadines*). Dawn ma tantx joqogħdu lura fl-għadd ta' bolli li joħorġu; mhux neċessarjament b'xi konnessjoni lokali. Waħda tipika hi dan ir-ritratt tat-tenista prominenti Amerikana, *Chris Evert*. Imbagħad ħassew li aħjar bil-ballun inkluż!







Nirritornaw għall-Ewropa; mhux 'il bogħod wisq minn fejn tlaqna. Fl-1958, bil-ħruġ ta' bolla, l-Unjoni Sovjetika fakkret Konferenza Postali għall-pajjiżi Kommunisti taħt l-influwenza Russa li kienet saret f'Moska s-sena ta' qabel. Intwerew il-bnadar tal-parteċipanti imma dik taċ-Ċekoslovakkja (illum iċ-Ċekja u s-Slovakkja) inqalbet għax il-kulur aħmar deher fuq minflok isfel. Malajr malajr, reġgħu ħarġuha kkorreġuta bl-abjad f'postu.

# Pitturi famużi

*Kitba ta' Vincent Piccinino*



**Vincent van Gogh 1853 – 1890**

Jekk qatt kien hawn xi ħadd li żgur ifixklek meta tiġi biex tiddistingwi d-differenza bejn il-ġenn u l-ġenju, bla dubbju ta' xejn, dan mhuwa ħadd ħlief il-pittur Post Impressjonista, Olandiż, *Vincent van Gogh*; bil-ġenn personali u bil-ġenju tat-tpingija tiegħu. Twieled l-Olanda, ġo familja stretta, fit-30 ta' Marzu tal-1853. Kellu ħajja tassew tal-ġenn imma fis-sens negattiv tal-espressjoni; ħajja turbulenti u mħawda. L-istorja tiegħu hija waħda ta' swied ta' qalb. Għex il-biċċa l-kbira tagħha fil-faqar, ibati minn dipressjoni akuta u anki għamel żminijiet rikoverat fi sptarijiet psikjatriċi. Kien jitlewwem ma' kulħadd; ma' missieru; ma' ħbiebu; ma' *Paul Gauguin*, li huwa kien jadurah u tant kien jammira l-pittura tiegħu; iġġieled, saħansitra, anki ma' ħuh, *Theo*, li kien l-iktar qrib tiegħu u tant kien jissapportjah. Spiċċa waħdu, imwarrab minn kulħadd u jilmenta mis-solitudni. Ma kien jiekol kważi xejn ħlief xi biċċa ħobż, u jpejjep u jixrob bl-addoċċ. Il-ftit flus li kien ikollu kien jippreferi jonfoqhom biex jixtri t-tila, il-pniezel u ż-żebgħa u anki biex iħallas lil xi mudella biex tippożalu. Ħajja tassew traġika, biex imbagħad, mill-banda l-oħra, wara mewtu, kulħadd għollih mas-seba' sema bħala ġenju artisiku tal-għaġeb u l-kwadri tiegħu sabu ruħhom fl-aqwa mużewijiet tad-dinja.





Beda jpinġi meta kien relattivament kbir fl-età; għall-ħabta tal-bidu tat-tmeninijiet tas-seklu 18. Kien ipinġi bil-ħeffa; b'ċertu furja u b'intensità liema bħalha; ħafna drabi, japplika ċapep ta' żebgħa direttament minn ġot-tubu għal fuq it-tila u jferrixha bil-*palette knife*, minflok bil-pinzell, b'tali mod li, x-xogħlijiet tiegħu spiss jagħtu l-impressjoni ta' stampi tridimensjonali. Il-pittura tiegħu hija kkaratterizzata wkoll minn kuluri jgħajtu u minn pinzellati impulsivi, drammatiċi u espressivi. Il-kalma, it-trankwillità u s-serenità ma kinux jeżistu f'ħajtu u dan huwa rifless ukoll f'ħafna mill-kwadri li pinġa. Meta tħares lejn il-kwadru ntitolat *Bedroom in Arles*, tal-1888, taħseb li qed tara ritratt meħud waqt xi terremot.





Fi żmienu, kien magħruf bħala miġnun fallut. Qatt ma rnexxielu jbigħ kwadru wieħed li hu wieħed; insomma, wieħed biss, mixtri minn ħuh *Theo* stess, mingħajr ma wrieh min kien ix-xerrej biex, bħal speċi, jagħmillu ftit tal-kuraġġ. Madankollu, minbarra xogħlijiet artistiċi oħrajn, f'ħajja pjuttost qasira, van Gogh irnexxielu jpitter mat-tmien mija u sittin kwadru taż-żejt; bosta minnhom fl-aħħar sentejn ta' ħajtu.

Kif nistgħu naraw minn għadd ta' kwadri li pinġa, van Gogh kien ossessjonat bis-siġar taċ-ċipress; siġar li huma assoċjati mal-mewt u maċ-ċimiterji.

Fl-1888, wara li kellu xi jgħid ma' *Paul Gauguin*, *van Gogh* spiċċa biex qata' widnejh ix-xellugija barra permezz ta' xafra u ma mietx dakinhar għax sabuh fl-art mitluq għal mejjet, ħaduh l-isptar u rnexxielhom isalvawh.

Fl-1889, *van Gogh* pinġa l-*portrait* tat-tabib li kien jikkurah fi sptar tal-moħħ. It-tabib tant m'għoġbux dan il-*portrait* li l-ewwel użah biex isewwi l-gallinar tat-tiġieġ imbagħad, wara, tah lil xi ħadd b'xejn. Fis-sena 2016, dan l-istess ritratt sab postu fil-*Pushkin Museum of Fine Arts* ġewwa Moska u kien stmat li jiswa mal-ħamsin miljun dollaru Amerikan. Infatti, ix-xogħlijiet ta' *Vincent van Gogh* huma fost l-aktar li jġibu flus fl-irkantijiet internazzjonali l-iktar prestiġjużi. Kif inhu xieraq u mistenni, il-*Van Gogh Museum* ta' Amsterdam għandu l-akbar kollezzjoni tal-kwadri tiegħu.





Fis-27 ta' Lulju tal-1890, f'mument ta' ġenn, van Gogh spara għalih innifsu f'sidru u miet jumejn wara b'infezzjoni mill-balla li waqfitlu fis-sinsla ta' dahru. U ma salvawhx għal darb'oħra għax ma kienx hemm kirurgu biex joperah. Kellu biss sebgħa u tletin sena u mill-ewwel kien rikonoxxut li, għad-dinja artistika, din kienet telfa tassew kbira.